Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Lulju 2016**
**(OR. en)**

**11316/16**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0223 (COD)**

**ASILE 26**
**CODEC 1076**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Lulju 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2016) 466 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 466 final.

---

Mehmuż: COM(2016) 466 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2016
COM(2016) 466 final

2016/0223 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Kuntest u raġunijiet għall-proposta

L-Unjoni Ewropea qiegħda taħdem għal politika tal-UE dwar il-migrazzjoni integrata, sostenibbli u olistika bbażata fuq is-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltajiet u li tista' tiffunzjona b'mod effettiv fi żminijiet kemm kalmi kif ukoll ta' kriżi. Sa mill-adozzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni,[1] il-Kummissjoni Ewropea ħadmet biex timplimenta miżuri li jindirizzaw b'mod effettiv u komprensiv l-isfidi kemm immedjati kif ukoll fit-tul tal-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni.

Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil hija bbażata fuq regoli li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali (inkluża bażi ta' dejta għall-marki tas-swaba' tal-persuni li jfittxu l-asil), standards komuni għall-proċeduri tal-asil, kundizzjonijiet ta' akkoljenza, rikonoxximent u protezzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil jappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil.

Minkejja l-progress sinifikanti li sar fl-iżvilupp ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, għad hemm xi differenzi partikolari bejn l-Istati Membri fit-tipi ta' proċeduri użati, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza provduti lill-applikanti, ir-rati ta' rikonoxximent u t-tip ta' protezzjoni mogħtija lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Dawn id-diverġenzi jikkontribwixxu għal movimenti sekondarji u l-għażla tal-post tal-asil, joħolqu fatturi ta' attrazzjoni u fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal distribuzzjoni inekwa fost l-Istati Membri tar-responsabbiltà li tiġi offruta protezzjoni lil dawk fil-bżonn.

Wasliet riċenti fuq skala kbira urew li l-Ewropea teħtieġ sistema tal-asil effettiva u effiċjenti li tkun tista' tassigura tqassim ġust u sostenibbli tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, tipprovdi kundizzjonijiet ta' akkoljenza suffiċjenti u diċenti madwar l-UE, tipproċessa malajr u b'mod effettiv it-talbiet għall-asil ppreżentati fl-UE, u tiżgura l-kwalità tad-deċiżjonijiet li jittieħdu sabiex dawk li huma fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jiksbuha b'mod effettiv. Fl-istess ħin, l-UE teħtieġ li tindirizza movimenti irregolari u perikolużi u ttemm il-mudell tan-negozju ta' traffikanti. Għal dan il-għan, l-applikazzjonijiet għall-asil ta' dawk li mhumiex intitolati għall-protezzjoni internazzjonali jridu, min-naħa waħda, jiġu trattati malajr u mbagħad, dawn il-migranti jridu jiġu ritornati malajr. Min-naħa l-oħra, jeħtieġ li jinfetħu rotot sikuri u legali lejn l-UE għal dawk minn pajjiżi terzi li jeħtieġu l-protezzjoni. Dan huwa wkoll parti minn sħubija aktar wiesgħa ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu ta' prijorità.

Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni stabbiliet il-prijoritajiet tagħha għal riforma strutturali tal-qafas Ewropew għall-asil u l-migrazzjoni fil-Komunikazzjoni tagħha "Għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u għat-tisħiħ ta' rotot legali lejn l-Ewropa",[2] filwaqt li ddeskriviet il-passi differenti li jridu jittieħdu lejn politika Ewropea dwar l-asil aktar umana, ġusta u effiċjenti kif ukoll politika dwar il-migrazzjoni legali ġestita aħjar.

Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel sett ta' proposti biex tirriforma s-

---

1 COM(2015) 240 final.
2 COM(2016) 197 final.

Sistema Ewropea Komuni tal-Asil biex twettaq tliet prijoritajiet identifikati fil-Komunikazzjoni tagħha: it-twaqqif ta' sistema ta' Dublin sostenibbli u ġusta sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-asil,[3] it-tisħiħ tas-sistema Eurodac biex jiġu mmonitorjati aħjar il-movimenti sekondarji u tiġi faċilitata l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari[4] u t-twaqqif ta' Aġenzija Ewropea għall-Asil biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-sistema Ewropea tal-asil.[5] Dawn il-proposti kienu l-ewwel elementi importanti biex tiġi riformata l-istruttura tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil.

Bit-tieni pakkett, il-Kummissjoni qiegħda tikkompleta r-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil billi tadotta erba' proposti addizzjonali: proposta li tissostitwixxi d-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil b'Regolament,[6] filwaqt li tarmonizza l-arranġamenti proċedurali differenti attwali fl-Istati Membri kollha u toħloq proċedura komuni u ġenwina; proposta li tissostitwixxi d-Direttiva dwar il-Kwalifika[7] b'Regolament,[8] filwaqt li tistabbilixxi standards uniformi għar-rikonoxximent ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni u d-drittijiet mogħtija lil benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali kif ukoll proposta li tirrevedi d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza[9] biex ikomplu jiġu armonizzati kundizzjonijiet tal-akkoljenza fl-UE, jiżdiedu l-prospetti tal-integrazzjoni tal-applikanti u jitnaqqsu l-movimenti sekondarji. Finalment, bħala segwitu għall-impenn għat-tisħiħ tar-rotot legali lejn l-UE kif imħabbra fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi wkoll qafas ta' risistemazzjoni tal-Unjoni strutturat, li jimxi lejn approċċ aktar ġestit għal protezzjoni internazzjonali fi ħdan l-UE u li jiżgura rotot ordnati u sikuri lejn l-UE għal persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, bil-għan li jitnaqqsu b'mod progressiv l-inċentivi għal wasliet irregolari[10].

Dawn il-proposti huma parti indispensabbli mir-riforma komprensiva tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u huma interkonnessi mill-qrib. B'dan it-tieni stadju ta' proposti leġiżlattivi li jirriformaw l-*acquis* dwar l-asil, l-elementi kollha ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil solida, koerenti u integrata, ibbażata fuq regoli komuni u armonizzati li huma effettivi kif ukoll protettivi, f'konformità sħiħa mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, qed jiġu ppreżentati bħalissa.

Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li qed inkomplu niżviluppaw hija effettiva kif ukoll protettiva u hija mfassla biex tiġi żgurata l-konverġenza sħiħa bejn is-sistemi nazzjonali tal-asil, filwaqt li tnaqqas inċentivi għal movimenti sekondarji, issaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u twassal b'mod globali għal sistema ta' Dublin li tiffunzjona sew.

Tiggarantixxi li, kull fejn ikunu fl-UE, persuni li jfittxu l-asil ikunu trattati b'mod ugwali u xieraq. Tipprovdi l-għodod meħtieġa biex tiġi żgurata identifikazzjoni rapida ta' persuni fi bżonn ġenwin ta' protezzjoni internazzjonali u r-ritorn ta' dawk li ma għandhomx bżonnijiet ta' protezzjoni. Hija ġeneruża ma' dawk l-aktar vulnerabbli u stretta fir-rigward tal-abbuż potenzjali, filwaqt li dejjem tirrispetta d-drittijiet fundamentali. Finalment, is-sistema komuni hija kosteffikaċi u flessibbli biżżejjed biex tiġi adattata għall-isfidi kumplessi li għandhom l-Istati Membri f'dan il-qasam.

3 COM(2016) 270 final.
4 COM(2016) 272 final.
5 COM(2016) 271 final.
6 ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60.
7 ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9.
8 ĠU L […], […], p. […].
9 ĠU L […], […], p. […].
10 ĠU L […], […], p. […].

**Objettivi tal-proposta preżenti**

Id-Direttiva dwar il-Kwalifika tistabbilixxi l-kriterji biex l-applikanti jikkwalifikaw għall-asil u l-protezzjoni sussidjarja, u d-drittijiet għal persuni li jibbenefikaw minn dawn l-istati. Filwaqt li d-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata eżistenti[11] ikkontribwixxiet għal xi livell ta' approssimazzjoni tar-regoli nazzjonali, jidher li r-rati ta' rikonoxximent għadhom ivarjaw bejn l-Istati Membri u bl-istess mod ugwalment nuqqas ta' konverġenza fir-rigward tad-deċiżjonijiet dwar it-tip ta' status ta' protezzjoni mogħti minn kull Stat Membru[12]. Barra minn hekk, hemm varjazzjoni konsiderevoli fost il-politiki tal-Istati Membri fit-tul tal-permessi ta' residenza mogħtija, kif ukoll fir-rigward tal-aċċess għad-drittijiet. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet attwali dwar il-waqfien tal-istatus ma jintużawx b'mod sistematiku fil-prattika, li jfisser li l-Istati Membri mhux dejjem jiżguraw li l-protezzjoni internazzjonali tingħata biss sakemm jippersisti r-riskju tal-persekuzzjoni jew id-dannu serju, għalkemm anke l-liġi tal-UE tipprevedi dan. Finalment, xi wħud mir-regoli fid-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata, li jipprovdu kriterji komuni għar-rikonoxximent tal-applikanti, huma min-natura tagħhom fakultattivi (jiġifieri: id-dmir tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni, ir-regoli relatati ma' valutazzjoni tal-protezzjoni interna, raġunijiet fakultattivi għall-irtirar) u jippermetti grad usa' ta' diskrezzjoni għall-Istati Membri.

Id-**differenzi fir-rati ta' rikonoxximent u fil-livell ta' drittijiet fis-sistemi nazzjonali tal-Asil mehmuża mal-istatus tal-protezzjoni kkonċernat** msemmija hawn fuq jipprovdu indikazzjoni b'saħħitha tal-bżonn ta' approċċ aktar armonizzat. Dawn id-differenzi jistgħu joħolqu inċentivi għal applikanti għal protezzjoni internazzjonali biex jitolbu l-asil fl-Istati Membri fejn dawk id-drittijiet u l-livelli ta' rikonoxximent huma meqjusa bħala ogħla minn oħrajn aktar milli fl-Istat Membru li jkun responsabbli għall-applikazzjonijiet tagħhom skont ir-regoli ta' Dublin. Barra minn hekk għad hemm il-bżonn li jiġu indirizzati movimenti sekondarji possibbli ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali billi jiġi ċċarat li dawn iridu jgħixu fl-Istati Membri li jkunu tawhom il-protezzjoni.
In-nuqqas ta' kontrolli fuq il-bżonn kontinwu għal protezzjoni tagħti lill-protezzjoni natura de facto permanenti, biex b'hekk jinħoloq inċentiv addizzjonali għal dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali biex jidħlu fl-UE aktar milli jfittxu r-rifuġju f'postijiet oħra, inklużi f'pajjiżi aktar viċini tal-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.

Minħabba l-bżonn evidenti ta' armonizzazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tat-tibdil propost, huwa propost li d-Direttiva attwali tiġi sostitwita b'Regolament. Minħabba l-applikabbiltà diretta tagħha, dan it-tibdil se jikkontribwixxi fih innifsu għal aktar konverġenza u se jiżgura wkoll koerenza mar-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil propost.

Fid-dawl ta' dan, il-proposta għandha l-għan ta':

---

11 Direttiva 2011/95/UE dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) (minn hawn 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata").

12 Pereżempju, matul il-perjodu bejn Jannar u Settembru 2015, ir-rati ta' rikonoxximent għall-persuni li jkunu qed ifittxu asil mill-Afganistan kienet tvarja minn kważi 100% fl-Italja għal 5.88% fil-Bulgarija (Eurostat). Fir-rigward tad-differenzi bejn it-tip ta' status mogħti, id-dejta tal-EASO għat-tieni (2) kwart tal-2015 uriet li l-Ġermanja (99%), il-Greċja (98%) u l-Bulgarija (85%) kienu qed jagħtu status ta' rifuġjat lil kważi ċ-ċittadini Sirjani kollha, filwaqt li Malta (100%), l-Iżvezja (89%) l-Ungerija (83%) u r-Repubblika Ċeka (80%) tawhom status ta' protezzjoni sussidjarja. https://easo.europa.eu/wp-content/uploads/Quarterly-Asylum-Report-2015_Q2_Final.pdf.

1. **Aktar armonizzazzjoni tal-kriterji komuni** għar-rikonoxximent tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali billi tipprovdi regoli aktar preskrittivi u billi tissostitwixxi dawk fakultattivi attwali fir-rigward tad-dmir tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni, il-valutazzjoni tal-alternattivi tal-protezzjoni interna u r-raġunijiet għall-irtirar tal-istatus fil-każ li l-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali jirrappreżenta periklu għas-sigurtà tal-Istat Membru jew ikun ġie kkundannat għal reat partikolarment serju.

2. **Aktar konverġenza tad-deċiżjonijiet dwar l-asil** madwar l-UE billi tobbliga lill-awtoritajiet determinati tal-Istati Membri, waqt l-ivvalutar tal-applikazzjonijiet, li jqisu l-analiżi komuni u l-gwida dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini, provduti fil-livell tal-Unjoni mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u n-netwerks Ewropej dwar l-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini skont id-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Regolament propost dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil[13].

3. L-iżgurar tal-protezzjoni jingħata biss sakemm jippersistu r-raġunijiet għall-persekuzzjoni jew id-dannu serju, mingħajr ma jiġu affettwati l-prospetti tal-integrazzjoni tal-persuna. Il-proposta timponi obbligi fuq l-Istati Membri biex iwettqu rieżamijiet sistematiċi u regolari tal-istatus fil-każ ta' tibdil sinifikanti fis-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini kif ukoll meta jkollhom l-intenzjoni jġeddu l-permessi tar-residenza, għall-ewwel darba għar-rifuġjati u għall-ewwel u t-tieni darba għal benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja. Fl-istess ħin, fil-qafas tal-intitolament tagħhom għall-protezzjoni, huwa essenzjali li l-Istati Membri jippromwovu l-integrazzjoni tal-benefiċjarji fis-soċjetajiet tagħhom. F'dan ir-rigward, il-proposta tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali. Tipprovdi wkoll inċentivi għall-integrazzjoni attiva tagħhom filwaqt li tingħata l-protezzjoni billi l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu ċerta assistenza soċjali bil-kundizzjoni ta' parteċipazzjoni effettiva f'miżuri ta' integrazzjoni f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni[14]. Finalment, id-deċiżjonijiet dwar tmiem ta' status ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja għandhom jidħlu fis-seħħ biss wara perjodu ta' tliet xhur li jipprovdi lill-persuni li jkun ġie rtirat l-istatus tagħhom b'opportunità effettiva biex japplikaw għal status legali ieħor, bħal pereżempju għal finijiet ta' xogħol.

4. **L-indirizzar ta' movimenti sekondarji ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali**, billi tiċċara l-obbligi ta' benefiċjarju li jgħix fl-Istat Membru li jkun tah il-protezzjoni u tipprevedi diżinċentivi addizzjonali permezz tal-modifika tad-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul[15], billi jibda mill-ġdid il-kalkolu ta' residenza legali meħtieġa hemmhekk fil-każ li l-benefiċjarju jinstab fi Stat Membru ieħor mingħajr id-dritt ta' permanenza jew residenza.

5. **Aktar armonizzazzjoni tad-drittijiet ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali**, b'mod partikolari fir-rigward tal-validità u l-format tal-permessi ta' residenza u billi tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi ta' benefiċjarji, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali.

[13] COM (2016) 271 final.

[14] COM (2016) 377 final.

[15] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44–53.

- **Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta, bħal fil-każ ta' dik ta' qabilha, id-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata, hija parti essenzjali mis-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u hija konsistenti b'mod sħiħ mal-ewwel proposti biex tiġi riformata s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil ippreżentati fl-4 ta' Mejju 2016 u ma' proposti għar-riforma tad-Direttivi dwar il-Proċeduri tal-Asil u l-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza, inkluża proposta biex din ta' qabel tiġi trasformata f'Regolament, u proposta għat-twaqqif ta' sistema ta' risistemazzjoni tal-Unjoni strutturata.

Din il-proposta tibni fuq id-dispożizzjonijiet tal-proposta għal Aġenzija Ewropea għall-Asil sa fejn tobbliga lill-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri jqisu, waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-asil, l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini li tiġbor u l-analiżi komuni u l-gwida li jridu jinħarġu mill-Aġenzija dwar din l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini. Barra minn hekk, it-tibdil rilevanti sinifikanti f'din l-analiżi komuni u l-gwida huma stabbiliti bħala skattaturi għar-rieżami tal-istatus tal-benefiċjarji fir-rigward tal-protezzjoni internazzjonali.

Fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, l-obbligu espliċitu li jissostanzjaw l-applikazzjoni bl-elementi disponibbli kollha u biex jikkooperaw jirrifletti d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-proposta biex jiġi rivedut ir-Regolament ta' Dublin[16].

Fir-rigward tar-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil, iż-żewġ proposti huma kumplimentari għal xulxin sa fejn il-proposta tistabbilixxi l-kriterji għall-kwalifika u r-raġunijiet għall-irtirar filwaqt li r-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil jipprevedi r-regoli proċedurali għall-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti politika komprensiva għal medda twila ta' żmien dwar ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni kif stipulata mill-Kummissjoni fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni,[17], li żviluppat il-Linji Gwida Politiċi tal-President Juncker f'sett ta' inizjattivi koerenti u li jsaħħu lil xulxin ibbażati fuq erba' pilastri. Dawn il-pilastri jikkonsistu fit-tnaqqis fl-inċentiv għal migrazzjoni irregolari, fruntieri esterni tal-Unjoni siguri u li jiġu salvati l-ħajjiet, kif ukoll l-iżgurar ta' politika dwar l-asil b'saħħitha u politika ġdida dwar il-migrazzjoni legali. Din il-proposta, li tkompli timplimenta l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni fir-rigward tal-objettiv tat-tisħiħ tal-politika tal-Unjoni dwar l-asil, jenħtieġ li tidher bħala parti mill-politika usa' fil-livell tal-UE lejn il-bini ta' sistema robusta u effettiva għall-ġestjoni sostenibbli tal-migrazzjoni għall-futur li tkun ġusta għas-soċjetajiet ospitanti u ċ-ċittadini tal-UE kif ukoll għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati u l-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu.

Barra minn hekk, it-tibdil propost għall-inċentivi tal-integrazzjoni possibbli jista' jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni[18].

[16] COM (2016) 27 final.
[17] COM(2015)240 final.
[18] COM(2016)377 final.

## . IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Fid-dawl tal-objettiv tal-proposta li jiġi żgurat, min-naħa waħda, li l-Istati Membri japplikaw kriterji komuni għall-kwalifika ta' persuni ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, u, min-naħa l-oħra, li sett komuni ta' drittijiet huwa disponibbli għal dawk il-persuni fl-Istati Membri kollha, il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 78(2)(a) u (b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu li l-UE tgawdi minn setgħat biex tiżviluppa politika komuni dwar l-asil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bil-għan li toffri status xieraq lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u bil-għan li tassigura l-konformità mal-prinċipju tan-non-refoulement. Din il-politika trid tkun skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-rifuġjati, u trattati rilevanti oħra.

Fi ħdan dawn is-setgħat, l-UE tista' tadotta miżuri li jipprevedu, *fost l-oħrajn*:

(a) status uniformi ta' asil għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, validu fl-Unjoni kollha, u

(b) status uniformi ta' protezzjoni sussidjarja għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li, mingħajr ma jiksbu asil Ewropew, jeħtieġu protezzjoni internazzjonali.

L-Artikolu 79(2)(a) tat-TFUE jiżdied bħala bażi ġuridika minħabba l-emenda proposta għad-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul 2003/109/KE relatata ma' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)**

In-nuqqas attwali ta' konverġenza fir-rati ta' rikonoxximent u l-istatus differenti tal-protezzjoni mogħtija lil persuni li jfittxu l-asil b'talbiet simili fi ħdan l-UE, it-tul tal-permessi ta' residenza, kif ukoll il-livell ta' drittijiet assigurati għal dawk mogħtija protezzjoni internazzjonali jistgħu jinċentivaw l-għażla tal-post tal-ażil (hekk imsejjaħ "asylum shopping" u movimenti sekondarji fl-UE.

L-objettiv huwa li d-Direttiva attwali tiġi sostitwita b'Regolament bil-għan li tiġi faċilitata aktar konverġenza fil-mod kif jiġu deċiżi talbiet simili għall-asil u fir-rigward tal-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali mogħtija, biex b'hekk jitnaqqsu l-inċentivi għal moviment fi ħdan l-UE u jiġi żgurat li l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jiġu trattati b'mod ugwali madwar l-UE.

Minħabba li s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil tinvolvi standards komuni madwar l-UE għall-persuni kollha li jfittxu l-asil u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, dawn l-objettivi ma jistgħux jiġu trattati mill-Istati Membri individwalment. Teħtieġ azzjoni fil-livell tal-UE biex tiġi faċilitata aktar konverġenza f'termini ta' deċiżjonijiet dwar l-asil fi ħdan l-UE u biex jiġu mitigati dawn il-konsegwenzi.

L-Istati Membri jibqgħu liberi li jagħtu forom oħra ta' protezzjoni skont il-liġi nazzjonali.

- **Proporzjonalità**

Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

Minkejja l-ilħuq ta' livell importanti ta' armonizzazzjoni mill-adozzjoni tad-Direttivi 2004/83/KE u 2011/95/UE, għad hemm differenza konsiderevoli kemm fir-rigward tar-rati ta'

rikonoxximent u t-tip ta' status ta' protezzjoni mogħtija minn kull Stat Membru kif ukoll fil-kontenut tal-protezzjoni. Barra minn hekk, minkejja l-obbligu li jiġi rtirat l-istatus meta jintemm ir-riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, fil-preżent hemm ftit rieżamijiet sistematiċi tal-istatus biss mill-Istati Membri. Finalment, ir-regoli fakultattivi fid-Direttiva attwali (jiġifieri: id-dmir tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni, ir-regoli relatati mal-valutazzjoni tal-protezzjoni interna, raġunijiet fakultattivi għall-irtirar) jipprovdu għal grad ta' diskrezzjoni fil-mod kif jiġu vvalutati t-talbiet għall-asil.

Regoli aktar armonizzati dwar il-kwalifika kif ukoll dwar il-kontenut tal-protezzjoni jikkontribwixxu għal aktar konverġenza tad-deċiżjonijiet dwar l-asil fl-Istati Membri u għaldaqstant għal funzjonament aħjar tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, inkluża sistema sostenibbli u ġusta għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-persuni li jfittxu l-asil kif previst mir-reviżjoni proposta tar-Regolament ta' Dublin,

It-tibdil propost ma marx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-allegati objettivi u jikkonċerna oqsma fejn aktar armonizzazzjoni jkollha impatt sinifikanti. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet il-ġodda li jitolbu lill-awtoritajiet determinati fl-Istati Membri jqisu l-analiżi komuni u l-gwida provduti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil dwar is-sitwazzjoni f'pajjiż ta' oriġini partikolari jwieġbu għall-bżonn li jiġi indirizzat nuqqas ta' konverġenza adegwata fir-rigward tad-deċiżjonijiet dwar l-asil adottati. It-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-waqfien tal-istatus ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja għandu l-għan li jindirizza l-fatt li tali dispożizzjonijiet kienu diġà inklużi fid-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata iżda ma kinux applikati sistematikament mill-Istati Membri. Huwa propost ukoll li jiġu ċċarati r-regoli li jikkonċernaw kemm il-kwalifika għal status ta' protezzjoni internazzjonali kif ukoll il-kontenut ta' dan l-istatus fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE), biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet mogħtija, u biex tiġi prevista l-armonizzazzjoni fejn meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tal-validità u l-format tal-permessi ta' residenza u biex jiġu previsti inċentivi ta' integrazzjoni fir-rigward tal-assistenza soċjali. Finalment, il-bidla fid-Direttiva tal-UE dwar ir-Residenza fit-Tul hija proposta sabiex jiġu skoraġġiti movimenti irregolari ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fi ħdan l-UE mingħajr ma tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb effett ta' deterrent.

- **Ġeometrija varjabbli**

Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta bl-ewwel Direttiva dwar il-Kwalifika (id-Direttiva 2004/83/KE) bħala segwitu għan-notifika tax-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva abbażi tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE. Huma m'għażlux li jiġu inklużi fid-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata (id-Direttiva 2011/95/UE).
Skont il-Protokoll imsemmi hawn fuq, ir-Renju Uniti u l-Irlanda jistgħu jiddeċiedu li jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din il-proposta. Huma wkoll għandhom din l-opzjoni wara l-adozzjoni tal-proposta.

Skont il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE (bl-eċċezzjoni tal-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' format uniformi għall-viżi").

Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka fl-arranġamenti stabbiliti f'din il-proposta li tħassar id-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata 2011/95/UE, se tiġi determinata matul in-negozjati f'konformità ma' dawn il-Protokolli. Dawn il-Protokolli jippermettu, b'mod partikolari, lir-Renju Unit u lill-Irlanda, iżda ma jitolbuhomx, jagħżlu li jipparteċipaw f'inizjattivi fl-ispazju ta' politika ta' libertà, sigurtà u ġustizzja filwaqt li tiġi żgurata l-operabbiltà tagħhom.

- **L-għażla tal-istrument**

Huwa propost li d-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata attwali tiġi sostitwita b'Regolament, bil-għan li tinkiseb aktar konverġenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-asil, billi jinbidlu r-regoli fakultattivi preżenti li jipprovdu kriterji komuni għar-rikonoxximent ta' applikanti għall-asil għal regoli obbligatorji, billi jiġi ċċarat u speċifikat aktar il-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali (b'mod partikolari fir-rigward tat-tul tal-permessi ta' residenza u d-drittijiet soċjali) u billi jiġu stabbiliti regoli mmirati lejn il-prevenzjoni ta' movimenti sekondarji.

Id-Direttiva dwar il-Kwalifika oriġinali 2004/83/KE kienet diġà ġiet riformulata, li rriżultat fid-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata preżenti (2011/95/UE). Filwaqt li l-istrument ta' Direttiva kkontribwixxa għal grad konsiderevoli ta' approssimazzjoni tar-regoli nazzjonali, jidher madankollu li r-rati ta' rikonoxximent għadhom ivarjaw bejn Stati Membri u hemm bl-istess mod nuqqas ta' konverġenza adegwata fir-rigward tat-tip ta' status ta' protezzjoni mogħti.

F'konformità ma dak li tħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016, "Għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u għat-tisħiħ ta' rotot legali lejn l-Ewropa", flimkien mat-tibdil sostantiv għad-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata attwali, il-forma tal-istrument legali tinbidel għal Regolament. Din il-bidla fiha nnifisha tikkontribwixxi għal aktar konverġenza billi tneħħi d-differenzi fit-traspożizzjoni u tiżgura applikabbiltà diretta tar-regoli. Barra minn hekk, din il-bidla tiżgura l-koerenza mar-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil propost, li huwa propost ukoll li jiġi trasformat f'Regolament.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-Kummissjoni Ewropea kkummissjonat żewġ studji esterni fl-2015[19], waħda minnhom li qed tiffoka fuq l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifika preżenti mill-Istati Membri, u l-oħra li teżamina problemi ta' implimentazzjoni, tidentifika nuqqasijiet u tivvaluta jekk id-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata attwali wasslitx għal aktar konverġenza fl-Ewropa. Il-Kummissjoni kienet qed tikkollabora mill-qrib mal-kuntratturi matul it-twettiq ta' dan l-istudju, u setgħet tibni fuq xi wħud mis-sejbiet tentattivi tiegħu għall-finijiet tat-tħejjija tal-proposta preżenti.

[19] Għandu jiġi pubblikat dalwaqt.

L-istudju dwar l-implimentazzjoni sab li d-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata attwali kkontribwixxiet f'xi oqsma għal livell ogħla ta' approssimazzjoni tar-regoli nazzjonali. Madankollu, jidher li f'oqsma oħra, l-applikazzjoni prattika tagħha għadha tvarja b'mod sinifikanti, li jwassal għal riżultati differenti minn applikazzjonijiet għall-asil madwar l-Istati Membri f'termini ta' rati ta' rikonoxximent, anke meta l-applikanti jiġu mill-istess pajjiż ta' oriġini. Huma nnotati differenzi sinifikanti fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata fir-rigward tal-mod kif jiġu vvalutati l-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-applikazzjonijiet, il-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet "*sur place*" u ta' alternattivi ta' protezzjoni u l-applikazzjoni tal-klawżoli ta' waqfien.

Barra minn hekk, it-twaqqif u l-applikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini u listi ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, kif ukoll il-valutazzjoni tal-kredibbiltà tal-applikant matul l-eżami tal-biża ġustifikata tal-persekuzzjoni jew dannu serju tiegħu jew tagħha huma nnotati bħala waħda mir-raġunijiet ewlenin wara d-differenzi fir-rati ta' rikonoxximent fi ħdan l-UE. L-istudju jikkonkludi wkoll li nkiseb livell ogħla ta' armonizzazzjoni fir-rigward tal-allinjament tal-kontenut tad-drittijiet mogħtija lil benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja mar-rifuġjati (eż. dwar aċċess għall-impjiegi, aċċess għall-edukazzjoni jew aċċess għall-kura tas-saħħa), Madankollu, f'xi pajjiżi għad hemm varjazzjoni fost il-prattiki tal-Istati Membri fl-għoti tad-drittijiet lir-rifuġjati u lill-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja fir-rigward tal-permessi ta' residenza, id-dokumenti tal-ivvjaġġar, l-assistenza soċjali, it-tip u l-kwalità ta' programmi ta' integrazzjoni kif ukoll assistenza għar-ripatrijazzjoni. Dawn id-differenzi huma, min-naħa waħda, ir-riżultat ta' interpretazzjonijiet differenti tad-dispożizzjonijiet u, min-naħa l-oħra, relatati mal-punt sa fejn l-Istati Membri kienu ttrasponew ċerti klawżoli li jkun fihom il-kelma "jistgħu" - fil-forma ta' limitazzjonijiet fakultattivi jew il-possibbiltà għal regoli aktar favorevoli – fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati**

Wara l-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' April 2016, "Għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u għat-tisħiħ ta' rotot legali lejn l-Ewropa"[20], il-Kumissjoni nediet dibattitu dwar l-opzjonijiet għar-riforma futura tar-regoli tal-UE dwar l-asil.

F'dak il-kuntest, is-servizzi tal-Kummissjoni ddiskutew il-Komunikazzjoni mal-Istati Membri, organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u l-UNHCR f'Mejju, mal-koordinaturi tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew f'Ġunju 2016. Bl-istess mod, il-Parlament Ewropew żamm dibattitu dwar il-Komunikazzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-11 ta' Mejju. Ġew irċevuti wkoll kontribuzzjonijiet bil-miktub.

L-Istati Membri esprimew, b'mod ġenerali, appoġġ għal aktar armonizzazzjoni. Fir-rigward tal-modi kif tinkiseb aktar konverġenza fir-rigward tar-regoli dwar ir-rikonoxximent u t-tipi ta'status ta' protezzjoni mogħtija, saret enfasi fuq l-importanza ta' kooperazzjoni prattika u l-linji gwida tal-Aġenzija.

Fir-rigward tar-rieżami tal-istatus ta' protezzjoni wara li jkun ingħata, kien hemm appoġġ b'mod partikolari fir-rigward ta' rieżami li ġie skattat minn bidla fl-informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-UE. Fl-istess ħin xi Stati Membri wissew dwar il-piż

[20] COM (2016) 197 final.

amministrattiv li jinvolvi li kieku jkun hemm obbligu ġenerali u espliċitu li jsir kontroll ta' waqfien kull darba li jiġġedded permess ta' residenza.

Kien hemm ukoll appoġġ għal aktar armonizzazzjoni tat-tul tal-permessi maħruġa. Madankollu, numru ta' Stati Membri indikaw li l-possibbiltà li jinħarġu permessi ta' residenza għal raġunijiet oħra (raġuni umanitarja jew ta' migrazzjoni legali) mal-waqfien tal-istatus ta' protezzjoni m'għandhiex tiġi mminata, u l-importanza li ma jiġux imminati b'mod mhux mistħoqq prospetti ta' integrazzjoni permezz tal-perċezzjoni li l-protezzjoni tista' tkun temporanja biss.

Fuq il-livell tad-drittijiet mogħtija lill-benefiċjarji, l-Istati Membri m'appoġġawx b'mod ġenerali l-idea ta' aktar differenzjazzjoni bejn iż-żewġ stati ta' protezzjoni internazzjonali. Xi Stati Membru talbu aktar flessibbiltà fir-rigward tal-protezzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa filwaqt li oħrajn enfasizzaw li hemm spazju għal aktar armonizzazzjoni fir-rigward tar-riunifikazzjoni tal-familja ta' benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja.

Dwar il-movimenti sekondarji, kien hemm xi appoġġ għat-tisħiħ tal-għoti ta' informazzjoni dwar l-obbligu li wieħed jibqa' residenti fl-Istat Membru li qed jagħti l-protezzjoni, sabiex il-konsegwenzi tal-moviment sekondarju jkunu ċari għall-benefiċjarju.

Dwar miżuri ta' integrazzjoni, saret referenza għall-possibbiltà li benefiċjarji jiġu obbligati jipparteċipaw f'korsijiet ta' orjentazzjoni lingwistika u ċivika.

Il-koordinaturi tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili tal-Parlament Ewropew wissew kontra kwalunkwe tnaqqis fil-livell tal-istandards. Fir-rigward tar-reġimi tal-istatus propost, ġie espress tħassib fir-rigward tal-effett tiegħu fuq il-prospetti ta' integrazzjoni tal-benefiċjarji. Ġie enfasizzat ukoll li kwalunkwe miżura li għandha tittieħed trid tkun proporzjonata u f'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Finalment, fir-rigward tad-drittijiet tal-moviment liberu, issemma li l-benefiċjarji għandhom ikunu eliġibbli għall-istatus ta' resident fit-tul tal-UE (id-Direttiva 2003/109) qabel il-perjodu attwali ta' ħames snin, sabiex ikunu jistgħu jgawdu drittijiet ta' moviment liberu.

NGOs inġenerali ma kinux favur aktar armonizzazzjoni, billi beżgħu li jitbaxxew l-istandards, u esprimew preferenza għal implimentazzjoni aħjar tad-dispożizzjonijiet attwali u l-istabbiliment ta' linji gwida mill-Aġenzija. F'każ li jinbidlu d-dispożizzjonijiet attwali, l-NGOs esprimew il-bżonn li jissaħħu d-drittijiet tal-applikanti.

Dwar il-konverġenza, l-NGOs inġenerali ma wrew l-ebda appoġġ għall-idea li l-applikazzjoni tal-klawżola tal-protezzjoni interna ssir obbligatorja u m'appoġġawx pjanijiet dwar rieżamijiet ta' waqfien obbligatorja, filwaqt li wissew dwar effetti negattivi għal prospetti ta' integrazzjoni u l-ħolqien ta' piż amministrattiv mhux meħtieġ.

Dwar id-drittijiet, l-NGOs appoġġaw iż-żamma ta' possibbiltajiet ta' trattament aktar favorevoli, inkluż fir-rigward tat-tul ta' permessi u argumentaw kontra kwalunkwe differenzjazzjoni ulterjuri bejn l-istatus ta' rifuġjat u l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja.

Dwar movimenti sekondarji, l-NGOs m'appoġġawx l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet, iżda minflok enfasizzaw il-bżonn li wieħed l-ewwel jifhem aħjar ir-raġunijiet għal moviment sekondarju u mbagħad jikkunsidra l-inċentivi. Dwar il-pjanijiet biex ikomplu jiġu spjegati l-obbligi tal-informazzjoni tal-Istati Membri, appoġġaw regoli aktar dettaljati.

Dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja, l-NGOs enfasizzaw il-bżonn li jiġu assimilati d-drittijiet ta' benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja għal dawk ta' rifuġjati.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Minbarra l-istudji tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata, intużaw pubblikazzjonijiet rilevanti tal-EASO għat-tħejjija ta' din il-proposta, b'mod partikolari l-ġbir tad-dejta bħala parti mill-"Matriċi ta' kwalità" dwar l-eliġibbiltà u l-esklużjoni, kif ukoll il-gwida prattika tal-EASO dwar l-Artikolu 15(c) u l-analiżi ġudizzjarja dwar l-Artikolu 12 u 17 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Ir-Regolament propost jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta). B'mod partikolari, dan ir-Regolament ifittex li jiżgura rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u d-dritt għall-asil tal-applikanti għall-asil u l-membri tal-familja li jakkumpanjawhom u li jippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli tal-Karta relatati mad-dinjità tal-bniedem, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, id-dritt għall-edukazzjoni, il-libertà professjonali u d-dritt tax-xogħol, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għall-asil, nondiskriminazzjoni, id-drittijiet tat-tfal, sigurtà soċjali u assistenza soċjali, il-protezzjoni tas-saħħa, u għandhom għalhekk jiġu implimentati kif mistħoqq. Il-proposta tirrispetta l-projbizzjoni ta' refoulement, kif spjegata mill-Artikolu 19 tal-Karta tal-UE, anke fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-asil fir-rigward tal-protezzjoni interna. Il-proposta ssaħħaħ il-garanziji proċedurali, billi tispjega l-oneru tal-prova li d-disponibbiltà tal-protezzjoni interna tistrieħ fuq l-awtorità determinanti u li l-valutazzjoni għandha titwettaq ladarba jkun ġie stabbilit li altrimenti japplikaw il-kriterji dwar il-kwalifika.

Il-proposta tirrispetta bl-istess mod id-dispożizzjonijiet dwar l-assistenza soċjali kif previst fl-Artikolu 34(3) tal-Karta u l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, meta l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu ċerta assistenza soċjali bil-kundizzjoni ta' parteċipazzjoni effettiva fil-miżuri ta' integrazzjoni u biex jiġu imposti kundizzjonijiet ta' residenza fir-rigward tal-irċevuta ta' ċerti benefiċċji soċjali, għalkemm ikun meħtieġ li dawn il-kundizzjonijiet ikunu jistgħu jiġu applikati biss bl-objettiv tal-iffaċilitar tal-integrazzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali.

Ġew meqjusa b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa u t-trabi waqt it-tqala, il-ħlas u wara l-ħlas. Il-proposta tqis ukoll l-obbligi tal-Istati Membri skont il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul). Fid-dawl tal-proposti tal-Kummissjoni għal deċiżjonijiet tal-Kunsill għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, u bil-ħsieb li jiġi garantit livell adattat ta' protezzjoni għan-nisa fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali li jkunu ġew soġġetti għal vjolenza abbażi tal-ġeneru, għandu jiġi adottat approċċ sensittiv għad-differenza bejn is-sessi fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li se jkun meħtieġ fi kwalunkwe każ wara l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-UE.

## 4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma timponi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tiegħu u kull ħames snin wara dan. L-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jibagħtu informazzjoni rilevanti għall-abbozzar ta' dak ir-rapport lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil. L-Aġenzija se timmonitorja wkoll il-konformità ma' dan ir-Regolament minn Stati Membri permezz tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ li l-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi fir-reviżjoni tal-mandat tal-Aġenzija.[21]

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Huwa propost li d-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata attwali tiġi sostitwita b'Regolament. Madankollu, il-kontenut tad-Direttiva jinbidel biss a) bil-ħsieb tal-objettivi politiċi elenkati fil-punt 1, b) sal-punt li kien meħtieġ biex tiġi adattata l-lingwa tagħha biex tkun tista' tapplika direttament u c) sal-punt li jista' jinħtieġ li d-dispożizzjonijiet eżistenti jiġu ċċarati fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti. Għalhekk l-ispjegazzjonijiet t'hawn taħt jikkonċernaw biss dawk id-dispożizzjonijiet fejn ikun ġie introdott tibdil sostantiv meta mqabbel mad-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata attwali.

1. Aktar armonizzazzjoni tal-kriterji komuni għar-rikonoxximent ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali

**Artikolu 3 -Kamp ta' applikazzjoni materjali**

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jibqa' doppju: min-naħa waħda, jistabbilixxi l-istandards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u min-naħa l-oħra jistabbilixxi l-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali li jingħataw. Minħabba li l-għażla tal-istrument ta' din il-proposta hija Regolament, m'għadx hemm dispożizzjoni li tippermetti lill-Istati Membri jagħtu trattament aktar favorevoli. Madankollu, l-Artikolu 3(2) jiddikjara li l-Istati Membri huma liberi li jagħtu status umanitarju nazzjonali lil dawk li ma jikkwalifikawx skont ir-Regolament preżenti. Barra minn hekk, huwa ċċarat, fi premessa korrispondenti, li l-Istati Membri jistgħu jintroduċu miżuri nazzjonali lil hinn minn dak li huwa regolat mir-Regolament attwali, iżda biss b'mod li ma jimminax l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu.

**Artikolu 4 -Valutazzjonijiet tal-fatti**

L-Artikolu 4(1) jistabbilixxi l-obbligu tal-applikat għal protezzjoni internazzjonali biex tiġi sostanzjata l-applikazzjoni; għalhekk l-applikant huwa obbligat b'mod espliċitu li jipprovdu l-elementi kollha disponibbli lilu jew lilha, jikkoopera u – filwaqt li jirrifletti d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-proposta ta' Dublin[22] u dawk tal-proposta għal Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil - jibqa' preżenti fit-territorju tal-Istat Membru matul il-proċedura.

**Artikolu 5- Bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali li jinħolqu sur place**

---

21 [21]COM (2016) 271 final.
22 COM (2016) 27 final.

L-Artikolu 5(3) issa ġie estiż biex jippermetti lill-Istati Membri ma jagħtux status ta' protezzjoni sussidjarja jew status ta' rifuġjat, fejn applikant għal protezzjoni internazzjonali jippreżenta applikazzjoni sussegwenti abbażi ta' ċirkostanzi li jkun ħoloq permezz tad-deċiżjoni tiegħu/tagħha minn meta telaq/telqet mill-pajjiż ta' oriġini tiegħu/tagħha.

**Artikolu 8- Protezzjoni interna**

L-Artikolu 8(1) jipprevedi obbligu ġdid biex tiġi vvalutata l-possibbiltà ta' protezzjoni interna u jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li applikant jista' jivvjaġġa b'mod sikur u legali, jikseb dħul u b'mod raġonevoli jkun mistenni jissetilja f'parti oħra tal-pajjiż ta' oriġini, jiddetermina li l-applikant mhuwiex fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Minbarra li ġie stabbilit l-obbligu relatat mal-valutazzjoni tal-protezzjoni internazzjonali, żdiedu bl-istess mod salvagwardji mill-Artikolu 8(4) biex jiġi ċċarat kif tiġi vvalutata l-applikazzjoni għall-asil f'dan ir-rigward.

**Artikolu 10- Raġunijiet għal persekuzzjoni**

F'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[23] l-Artikolu 10(3) jiċċara li awtorità determinanti ma tistax b'mod raġonevoli tistenna li applikant iġib ruħu b'mod diskret jew jastjeni minn ċerti prattiki, fejn din l-imġiba jew dawn il-prattiki jkunu inerenti għall-identità tiegħu jew tagħha, biex jiġi evitat ir-riskju ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha.

**Artikolu 12–Esklużjoni**

Jiżdiedu dispożizzjonijiet aktar dettaljati mal-Artikolu 12(5) abbażi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[24] biex jiġi ċċarat li l-impenn ta' ċerti reati (azzjonijiet krudili u atti terroristiċi partikolari) huma bażi għal esklużjoni minn rifuġjat anke jekk ikunu twettqu b'objettiv politiku.

L-Artikolu 12(6), jiċċara wkoll abbażi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[25] li l-esklużjoni ta' persuna minn status ta' rifuġjat għandha tiddependi esklussivament fuq jekk humiex sodisfatti l-kundizzjonijiet skont dan l-Artikolu u ma jistgħux jiġu soġġetti għal kwalunkwe valutazzjoni addizzjonali tal-proporzjonalità.

2. Aktar konverġenza tad-deċiżjonijiet dwar l-asil madwar l-UE billi awtoritajiet determinati tal-Istati Membri jiġu obbligati jqisu l-gwida tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil

**Artikolu 7- Atturi ta' protezzjoni**

Bħala mezz biex tintlaħaq aktar konverġenza fil-prattiki tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-asil madwar l-UE, fil-valutazzjoni ta' jekk organizzazzjoni internazzjonali tikkontrollax Stat jew parti sostanzjali mit-territorju tiegħu, l-Artikolu 7(3) jistabbilixxi l-obbligu għall-awtoritajiet determinanti biex jibbażaw lilhom infushom fuq gwida tal-Unjoni, b'mod partikolari l-analiżi komuni u l-gwida dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini provduti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u n-netwerks Ewropej dwar l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini. Il-

23 C-199/12.
24 C-57/09.
25 C-57/09.

proposta dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (l-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament)[26] tipprevedi l-kompetenza għall-ħruġ ta' din l-analiżi komuni u l-gwida, li mbagħad issir kontroreferenza għaliha fl-Artikolu 7(3). (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-gwida tal-Aġenzija).

**Artikolu 8- Protezzjoni interna**

Sabiex tiġi żgurata konverġenza tad-deċiżjonijiet dwar l-asil relatati mal-protezzjoni interna, bl-istess mod bħal fil-każ tat-teknika użata fl-Artikolu 7(3), l-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri huma obbligati li jqisu, fost informazzjoni oħra, il-gwida tal-Aġenzija.

**Artikolu 11 u 17 –Waqfien ta' status ta' rifuġjat u protezzjoni sussidjarja**

L-Artikolu 11(2)(b) fir-rigward tal-waqfien tal-istatus ta' rifuġjat, u l-Artikolu 17(2)(b) fir-rigward tal-istatus tal-protezzjoni tas-sussidjarjetà jipprevedu l-obbligu għall-awtoritajiet determinanti biex jibbażaw lilhom infushom fuq il-gwida tal-Aġenzija meta jivvalutaw jekk ir-rifuġjati u l-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja rispettivament ikunux waqfu milli jkunu eliġibbli għall-istatus ta' protezzjoni internazzjonali mogħti lilhom.

3. L-introduzzjoni ta' rieżamijiet tal-istatus sistematiċi u regolari

**L-Artikolu 14 u l-Artikolu 20 - Revoka ta', tmiem ta' jew rifjut għat-tiġdid ta' status ta' rifuġjat u ta' protezzjoni sussidjarja rispettivament**

L-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 20(1) jobbligaw lill-awtoritajiet determinanti jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus meta jkunu waqfu l-bżonnijiet tal-protezzjoni jew meta r-raġunijiet tal-esklużjoni jsiru applikabbli wara li tkun ingħatat il-protezzjoni. Huwa għalhekk meħtieġ rieżami tal-istatus sabiex jiġi kontrollat jekk il-kriterji tal-eliġibbiltà (biża ta' persekuzzjoni, vjolenza mingħajr distinzjoni) għadhomx sodisfatti.

**Artikolu 15 u Artikolu 21 - Ir-rieżami ta' status ta' rifuġjat u ta' sussidjarjetà rispettivament**

Il-proposta tintroduċi skattaturi għal dawn ir-rieżamijiet, wieħed sostantiv u ieħor li jiżgura r-regolarità. Huwa għalhekk propost li l-awtoritajiet determinanti jiġu obbligati jwettqu dawn ir-rieżamijiet, meta jkun hemm tibdil rilevanti sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li jkun rifless f'dokumenti fil-livell tal-UE. jiġifieri: fil-gwida tal-Aġenzija (l-Artikolu 15(1)(a) u l-Artikolu 21(1)(b)) u meta jġeddu l-permessi ta' residenza għall-ewwel darba għar-rifuġjati u għall-ewwel u t-tieni darba għall-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja (l-Artikolu 15(1)(a) u l-Artikolu 21(1)(b)). Dawn ir-rieżamijiet m'għandhomx jikkawżaw piż amministrattiv addizzjonali għall-amministrazzjonijiet nazzjonali, minħabba li huma mmirati sew u preskritti għal sitwazzjonijiet fejn xorta waħda trid tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-permess tar-residenza – jew f'każijiet ta' tibdil sinifikanti rrapportat fis-sitwazzjoni f'pajjiż ta' oriġini speċifiku. Għalhekk din il-proposta se tikseb livell ogħla ta' armonizzazzjoni u kontroll filwaqt li jiġi evitat il-ħolqien ta' piż mhux meħtieġ għall-Istati Membri.

Perjodu ta' konċessjoni ta' tliet xhur huwa propost (fl-Artikoli 14(5) u 20(3)) f'każ li l-istatus jiġi revokat minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi biex il-persuna tingħata l-opportunità li tipprova

[26] COM(2016)271 final.

tbiddel l-istatus tiegħu/tagħha jekk raġunijiet oħra jiġġustifikaw dan (familja, xogħol, studju, raġuni umanitarja eċċ.).

4. L-indirizzar ta' movimenti sekondarji, billi jiġu ċċarati l-obbligi ta' permanenza tal-benefiċjarju fl-Istat Membru li jkun tah il-protezzjoni u jiġu provduti diżinċentivi addizzjonali permezz tal-modifika tad-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul.

**Artikolu 29 - Moviment fi ħdan l-Unjoni**

L-Artikolu 29 jipprevedi li, bħala regola ġenerali, benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali huwa obbligat jibqa' fl-Istati Membri li tawh il-protezzjoni u flimkien mal-Artikolu 44 jipprevedi diżinċentivi jekk il-benefiċjarju jinstab fi Stat Membru ieħor mingħajr id-dritt ta' permanenza jew residenza. L-Artikolu 29 (2) jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet proposti tar-Regolament ta' Dublin (l-Artikolu 20(1)e), f'dan ir-rigward. Barra minn hekk huwa propost li tiġi emendata d-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul 2003/109/KE u biex jiġi previst li l-perjodu ta' ħames (5) snin wara liema l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali huma eliġibbli għall-istatus ta' Resident fit-Tul jenħtieġ li jerġa' jibda kull darba li l-persuna tinstab fi Stat Membru, ieħor għajr dak li jkun ta l-protezzjoni internazzjonali, mingħajr id-dritt ta' permanenza jew residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali. Huwa mistenni li din il-miżura proposta tkun inċentiv għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali biex jikkonformaw mar-regoli u biex jiġu evitati movimenti sekondarji, billi altrimenti jirriskjaw li jtawlu l-perjodu ta' stennija għall-akkwist tal-istatus ta' residenza fit-tul u d-dritt relatat għall-mobilità ġol-UE.

L-Artikolu 29 jikkonferma wkoll li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' Schengen jippermettu lill-benefiċjarju permanenza – meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen – fi Stat Membru ieħor li japplika l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ għal perjodu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum. Barra minn hekk, l-Artikolu jiċċara wkoll li l-benefiċjarju jista' japplika għal permanenza fi Stat Membru ieħor skont regoli applikabbli oħra tal-UE (kif inhu propost fil-proposta dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg b'ħiliet għolja[27] jew jekk jippermettu dan ir-regoli nazzjonali tal-Istati Membri.

**Artikolu 24 - Informazzjoni**

L-Artikolu 24 jipprevedi regoli msaħħa dwar l-informazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali jkun konxju mid-drittijiet u l-obbligi tiegħu/tagħha u b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-moviment fi ħdan l-Unjoni. Għal dan il-għan, qed jiġi propost att ta' implimentazzjoni biex jiġu stabbiliti regoli uniformi dwar il-kontenut u l-forma tal-informazzjoni li trid tiġi provduta madwar l-UE.

5. L-armonizzazzjoni ulterjuri tad-drittijiet tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali

**Artikolu 22 - Regoli ġenerali**

Il-Kapitolu VII jipprevedi l-kontenut tal-protezzjoni u juri d-drittijiet u l-obbligi fi tliet taqsimiet, bħala dispożizzjonijiet ġenerali, drittijiet relatati mar-residenza u drittijiet relatati

[27] COM(2016) 378 final.

mal-integrazzjoni. It-tibdil jipprevedi aktar armonizzazzjoni billi jipprovdi regoli uniformi b'kunsiderazzjoni speċjali għal permessi ta' residenza u dokumenti tal-ivvjaġġar, kif ukoll jiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet għall-għoti tal-aċċess b'kunsiderazzjoni speċjali għad-drittijiet soċjali.

Filwaqt li r-rikonoxximent tal-istatus tar-rifuġjat hija att dikjaratorju, huwa ċċarat b'mod espliċitu fl-Artikolu 22(3) li ċerti drittijiet (aċċess għall-impjiegi u s-sigurtà soċjali) jistgħu jsiru bil-kundizzjoni tal-preżenza tal-permess ta' residenza.

**Artikolu 25 - L-unità tal-familja**

Fir-rigward tal-unità tal-familja (l-Artikolu 25), il-kamp tal-applikazzjoni tal-membri tal-familja jiġi estiż biex jirrifletti r-realtà tax-xejriet migratorji attwali, skont liema l-applikanti ħafna drabi jaslu fit-territorju tal-Istati Membri wara perjodu ta' żmien twil fi tranżitu. Il-premessa korrispondenti dwar l-unità tal-familja tiċċara li dawn id-dispożizzjonijiet huma *lex specialis* fir-rigward tar-regoli tad-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja.

**Artikolu 26 - Permessi ta' residenza**

Fir-rigward ta' permessi ta' residenza, l-Artikolu 26 jipprevedi armonizzazzjoni espliċita ġdida kemm tal-perjodu tal-validità kif ukoll tal-format tal-permess ta' residenza, filwaqt illi jżomm id-differenza bejn benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja u rifuġjati. Għal protezzjoni sussidjarja, il-permess ta' residenza jkun validu għal sena (1) li jista' jiġġedded għal sentejn (2) (formula 1+2+2 snin) u għar-rifuġjati l-permess ta' residenza jkun validu għal tliet (3) snin li jista' jiġġedded għal tliet (3) snin (formula 3+3+3 snin).

**Artikolu 27 - Dokument tal-ivvjaġġar**

Qed jiġi propost li l-karatteristiċi minimi ta' sigurtà u bijometriċi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar jiġu armonizzati wkoll skont l-Artikolu 27, billi l-Istati Membri jkunu obbligati joħorġu dokumenti tal-ivvjaġġar b'validità minima ta' sena, u permezz t'hekk id-dokumenti tal-ivvjaġġar jaqgħu taħt ir-regoli ta' armonizzazzjoni teknika tar-Regolament Nru 2252/2004.

**Artikolu 28 - Libertà ta' moviment fi ħdan l-Istat Membru**

Fir-rigward tal-libertà ta' moviment fi ħdan Stat Membru, l-Artikolu 28(2) jikkodifika l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[28] billi jintroduċi l-possibbiltà li l-Istati Membri jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' residenza fejn dawk il-kundizzjonijiet ta' residenza huma meħtieġa biex tiġi faċilitata l-integrazzjoni.

**Artikolu 30 - Aċċess għall-impjiegi**

L-Artikolu dwar l-aċċess għall-impjiegi (l-Artikolu 30) ikompli jiċċara d-drittijiet tat-trattament ugwali relatati mal-impjieg, jispjega d-drittijiet tax-xogħol kollettivi miżjuda u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-obbligu tal-iffaċilitar tal-Istat Membru huma mfissra aħjar ukoll.

**Artikolu 32 - Aċċess għal proċeduri għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u għall-validazzjoni tal-ħiliet**

---

[28] [28]Kawża C-443/14.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifika (l-Artikolu 32(1) u (2)), l-obbligu tat-trattament ugwali u l-iffaċilitar huwa mfisser aħjar u fir-rigward tal-validazzjoni tal-ħiliet, l-obbligu tat-trattament ugwali jintwera b'mod separat biex tiġi mmarkata d-differenza bejn iż-żewġ skemi.

**Artikolu 33 - Sigurtà soċjali**

Il-kamp tal-applikazzjoni tas-sigurtà soċjali hija ċċarata għall-finijiet taċ-ċarezza legali permezz ta' kontroreferenza għar-Regolament dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (l-Artikolu 2(17)).

6. It-tisħiħ tal-inċentivi tal-integrazzjoni għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali

**Artikolu 34 - Assistenza soċjali**

L-assistenza soċjali issa hija definita fl-Artikolu 2(18) abbażi tal-ġurisprudenza[29]. Tinżamm il-limitazzjoni possibbli attwali tal-għoti tal-assistenza soċjali għal benefiċċji bażiċi fir-rigward tal-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja. Il-benefiċjarji ewlenin jinftehmu li jkopru tal-inqas is-sostenn tad-dħul minimu, assistenza fil-każ ta' mard, jew tqala, u assistenza lill-ġenituri jekk dawn il-benefiċċji jeżistu u jingħataw liċ-ċittadini.

Minbarra dawn il-limitazzjonijiet, bħala miżura biex jiġu pprovduti inċentivi għall-integrazzjoni, huwa propost fl-Artikolu 34 li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu assistenza soċjali bil-kundizzjoni tal-parteċipazzjoni effettiva f'miżuri ta' integrazzjoni għall-benefiċjarji kollha ta' protezzjoni internazzjonali.

**Artikolu 38 - Aċċess għal faċilitajiet ta' integrazzjoni**

Għalhekk, bħala miżura korrispondenti, obbligu possibbli għall-benefiċjarji li jipparteċipaw f'miżuri ta' integrazzjoni huwa stabbilit fl-Artikolu 38. Madankollu, meta jobbligaw lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali biex jipparteċipaw b'mod effettiv f'miżuri ta' integrazzjoni f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom iqisu tbatija individwali[30].

---

[29] Kawża C-140/12.

[30] Kawża C-579/13.

2016/0223 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 78(2) u (a) tal-Artikolu 79 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Se jsir tibdil sostantiv għad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija[31] (riformulazzjoni). Biex jiġu żgurati l-armonizzazzjoni u aktar konverġenza fid-deċiżjonijiet dwar l-asil u fir-rigward tal-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali sabiex jitnaqqsu inċentivi biex wieħed jiċċaqlaq fi ħdan l-Unjoni Ewropea u tiġi żgurata ugwaljanza tat-trattament tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, dik id-Direttiva jenħtieġ li titħassar u tiġi sostitwita minn Regolament.

(2) Politika komuni dwar l-asil, inkluża Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) li hija bbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatut tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (il-Konvenzjoni ta' Ġinevra), hija parti kostitwenti mill-objettiv tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi progressivament spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħa għal dawk li, sfurzati miċ-ċirkostanzi, ifittxu b'mod leġittimu l-protezzjoni fl-Unjoni. Tali politika jenħtieġ li tkun regolata mill-prinċipju tas-

[31] ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9.

solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tiegħu, bejn l-Istati Membri.

(3) Is-SEKA hija bbażata fuq standards komuni għal proċeduri tal-asil, rikonoxximent u protezzjoni offruti fil-livell tal-Unjoni, kundizzjonijiet ta' akkoljenza u sistema għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għal persuni li jfittxu l-asil. Minkejja l-progress li nkiseb sa issa fl-iżvilupp progressiv tas-SEKA, għad hemm xi differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fit-tipi ta' proċeduri użati, ir-rati ta' rikonoxximent, it-tip ta' protezzjoni mogħtija, il-livell ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali u l-benefiċċji mogħtija lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u l-benefiċjarji tagħha. Dawn id-diverġenzi huma motivaturi importanti ta' movimenti sekondarji u jimminaw l-objettiv tal-iżgurar li l-applikanti kollha huma trattati ugwalment kull fejn japplikaw fl-Unjoni.

(4) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' April 2016,[32] il-Kummissjoni stabbiliet l-opzjonijiet tagħha għat-titjib tas-SEKA, b'mod partikolari biex tiġi stabbilita sistema sostenibbli u ġusta għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-persuni li jfittxu l-asil, biex tiġi msaħħa s-sistema Eurodac, biex tinkiseb aktar konverġenza fis-sistema tal-asil tal-UE, biex jiġu evitati movimenti sekondarji fi ħdan l-Unjoni Ewropea u mandat ġdid għall-aġenzija tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil. Din il-Komunikazzjoni hija konformi ma' talbiet mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016[33] biex isir progress lejn ir-riforma tal-qafas eżistenti tal-UE sabiex tiġi żgurata politika dwar l-asil umana u effiċjenti. Tipproponi wkoll triq 'il quddiem f'konformità mal-approċċ olistiku għall-migrazzjoni stabbilit mill-Parlament Ewropew fir-rapport fuq inizjattiva proprja tiegħu tat-12 ta' April 2016.

(5) Għal SEKA li tiffunzjona sew, inkluża s-sistema ta' Dublin, jenħtieġ li jsir progress sostanzjali fir-rigward tal-konverġenza tas-sistema nazzjonali tal-asil b'kunsiderazzjoni speċjali għad-differenzi fir-rati ta' rikonoxximent u t-tip ta' status ta' protezzjoni fl-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li jissaħħu r-regoli dwar ir-rieżami tal-istatus biex jiġi żgurat li l-protezzjoni tingħata biss lil dawk li jeħtiġuha u għat-tul ta' żmien li tkun meħtieġa. Barra minn hekk, prattiki diverġenti rigward it-tul ta' permessi ta' residenza jenħtieġ li jiġu evitati, u jenħtieġ li jiġu ċċarati u armonizzati aktar id-drittijiet mogħtija lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

(6) Huwa għalhekk meħtieġ Regolament sabiex ikun żgurat livell aktar konsistenti ta' armonizzazzjoni madwar l-Unjoni u biex jiġi provdut grad ogħla ta' ċertezza legali u trasparenza.

(7) L-objettiv ewlieni ta' dan ir-Regolament huwa, min-naħa waħda, li jiżgura li l-Istati Membri japplikaw kriterji komuni għall-identifikazzjoni ta' persuni ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, u, min-naħa l-oħra, li jiżgura li sett komuni ta' drittijiet huwa disponibbli għal dawk il-persuni fl-Istati Membri kollha.

(8) Tenħtieġ madankollu aktar approssimazzjoni tar-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-kontenut tal-istatus tar-rifuġjat u tal-protezzjoni sussidjarja, li tgħin biex jiġi limitat il-moviment sekondarju ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali bejn Stati Membri, fejn dan il-movimenti seta' ġie kkawżat

[32] [32]COM (2016) 197 final.
[33] [33]EUCO 19.02.2016, SN 1/16.

minn kwalunkwe differenza fil-miżuri nazzjonali legali meħuda għat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifika sostitwita minn dan ir-Regolament.

(9) Dan ir-Regolament ma japplikax għal status umanitarju nazzjonali ieħor mogħti mill-Istati Membri skont il-liġi nazzjonali tagħhom lil dawk li ma jikkwalifikawx għall-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus tal-protezzjoni sussidjarja. Jekk jinħareġ xi status minn dawn, għandu jinħareġ b'tali mod li ma jinvolvix riskju ta' konfużjoni mal-protezzjoni internazzjonali.

(10) Kandidati ta' risistemazzjoni li jirnexxu jenħtieġ li jingħataw protezzjoni internazzjonali. Bl-istess mod, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali, inklużi r-regoli biex jiġi skoraġġit il-moviment sekondarju.

(11) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali, u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta). B'mod partikolari, dan ir-Regolament ifittex li jiżgura rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u d-dritt għall-asil tal-applikanti għall-asil u l-membri tal-familja li jakkumpanjawhom u li jippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli tal-Karta relatati mad-dinjità tal-bniedem, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, id-dritt għall-edukazzjoni, il-libertà professjonali u d-dritt tax-xogħol, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għall-asil, nondiskriminazzjoni, id-drittijiet tat-tfal, sigurtà soċjali u assistenza soċjali, il-protezzjoni tas-saħħa, u għandhom għalhekk jiġu implimentati kif mistħoqq.

(12) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligi taħt strumenti tal-liġi internazzjonali li tagħhom jagħmlu parti, inkluż partikolarment dawk li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni.

(13) Ir-riżorsi tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u r-Rifuġjati għandhom jintużaw biex jipprovdu appoġġ adegwat għall-isforzi ta' Stati Membri fl-implimentazzjoni tal-istandards stabbiliti mir-Regolament, b'mod partikolari għal dawk l-Istati Membri li jiffaċċjaw pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati fuq is-sistemi tal-asil tagħhom, b'mod partikolari minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew demografika tagħhom.

(14) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropew għall-Asil jenħtieġ li tipprovdi appoġġ adegwat fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi tipprovdi esperti biex jassistu lill-awtoritajiet tal-Istat Membri biex jirċievu, jirreġistraw u jeżaminaw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, jipprovdu informazzjoni aġġornata dwar pajjiżi terzi, inkluża Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini, u linji gwida u għodod rilevanti oħra. Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jqisu standards operazzjonali, linji gwida indikattivi, u l-aħjar prattiki żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil [l-Aġenzija]. Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jqisu b'mod partikolari l-informazzjoni, ir-rapporti, l-analiżi komuni u l-gwida dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi ta' oriġini żviluppati fil-livell tal-

Unjoni mill-Aġenzija u n-netwerks Ewropej dwar l-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament[34]

(15) L-"aħjar interessi tat-tfal" jenħtieġ li jkunu kunsiderazzjoni primarja meta jiġi applikat dan ir-Regolament, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ partikolarment li jikkunsidraw b'mod xieraq il-prinċipju tal-unità tal-familja, il-benesseri tal-minorenni u l-iżvilupp soċjali, il-kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza u tas-sigurtà u l-opinjonijiet tal-minorenni skont l-età u l-maturità tiegħu jew tagħha.

(16) Il-kunċett ta' membri tal-familja jenħtieġ li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi partikolari differenti tad-dipendenza u l-attenzjoni speċjali li għandha tingħata fl-aħjar interessi tat-tfal. Jenħtieġ li jirrifletti wkoll ir-realtà tax-xejriet migratorji attwali, skont liema l-applikanti ħafna drabi jaslu fit-territorju tal-Istati Membri wara perjodu ta' żmien twil fi tranżitu. Il-kunċett jenħtieġ għalhekk li jinkludi familji ffurmati barra mill-pajjiż ta' oriġini, iżda qabel il-wasla tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru.

(17) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-Protokoll dwar l-asil għal ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-TFUE.

(18) Ir-rikonoxximent ta' status ta' rifuġjat huwa att dikjaratorju.

(19) Konsultazzjonijiet mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jistgħu jipprovdu gwida ta' valur għall-awtoritajiet tal-Istati Membri meta jistabbilixxu status ta' rifuġjat skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

(20) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti standards għad-definizzjoni u l-kontenut tal-istatus ta' rifuġjat sabiex iservu ta' gwida għall-korpi nazzjonali tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

(21) Jenħtieġ li jiġu introdotti kriterji komuni sabiex jiġu rikonoxxuti applikanti għall-asil bħala rifuġjati fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

(22) B'mod partikolari, hu meħtieġ li wieħed jintroduċi aspetti komuni tal-bżonnijiet għall-protezzjoni li jinħolqu sur place, sorsi ta' dannu u protezzjoni, protezzjoni interna u persekuzzjoni, inklużi r-raġunijiet għall-persekuzzjoni.

(23) Il-protezzjoni tista' tiġi provduta, fejn ikun hemm ir-rieda u l-kapaċità li joffru protezzjoni, jew mill-Istat jew minn partijiet jew organizzazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, li jikkontrollaw reġjun jew żona akbar fit-territorju tal-Istat. Protezzjoni bħal din jenħtieġ li tkun effettiva u ta' natura mhux temporanja.

(24) Protezzjoni interna mill-persekuzzjoni jew dannu serju jenħtieġ li tkun disponibbli b'mod effettiv għall-applikant f'parti mill-pajjiż ta' oriġini fejn dan jista' jivvjaġġa b'mod sikur u legali għalih, jikseb dħul għalih u b'mod raġonevoli huwa mistenni li jissetilja. Il-valutazzjoni ta' jekk teżistix din il-protezzjoni interna jenħtieġ li tkun parti

[34] COM(2016)271 final.

inerenti mill-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u jenħtieġ li titwettaq ladarba jkun ġie stabbilit mill-awtorità determinanti li altrimenti japplikaw il-kriterji dwar il-kwalifika. L-oneru tal-prova tad-disponibbiltà tal-protezzjoni interna jenħtieġ li jaqa' fuq l-awtorità determinanti.

(25) Fejn l-Istat jew l-aġenti tal-Istat huma l-atturi ta' persekuzzjoni jew dannu serju, jenħtieġ li jkun hemm preżunzjoni li l-protezzjoni effettiva mhijiex disponibbli għall-applikant. Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, id-disponibbiltà ta' arranġamenti ta' kura u kustodja xierqa, li jkunu fl-aħjar interessi tal-minorenni mhux akkumpanjat, jenħtieġ li tifforma parti mill-valutazzjoni dwar jekk dik il-protezzjoni hijiex effettivament disponibbli.

(26) Jenħtieġ, meta jiġu eżaminati applikazzjonijiet minn minorenni għal protezzjoni internazzjonali, li l-awtoritajiet determinanti jqisu l-forom ta' persekuzzjoni speċifiċi għat-tfal.

(27) Waħda mill-kundizzjonijiet sabiex wieħed jikkwalifika għal status ta' rifuġjat fis-sens tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra hi l-eżistenza ta' konnessjoni każwali bejn raġunijiet għall-persekuzzjoni, jiġifieri razza, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija fi grupp soċjali partikolari, u l-atti ta' persekuzzjoni jew l-assenza ta' protezzjoni minn tali atti.

(28) Hu ugwalment meħtieġ li jiġi introdott kunċett komuni tal-bażi ta' persekuzzjoni "sħubija fi grupp soċjali partikolari". Minħabba l-bżonn li tingħata tifsira ta' grupp soċjali partikolari, kwistjonijiet li jinħolqu mis-sess ta' applikant, inkluża l-identità sesswali u l-orjentazzjoni sesswali, li jistgħu jkunu relatati ma' ċerti tradizzjonijiet u drawwiet legali, li jirriżultaw pereżempju f'mutilazzjoni ġenitali, sterilizzazzjoni furzata, jew abort furzat, jenħtieġ li jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom, sa fejn ikunu relatati mal-biża' ġustifikata tal-applikant minn persekuzzjoni.

(29) F'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fil-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li jużaw metodi għall-valutazzjoni tal-kredibbiltà tal-applikant b'mod li jirrispetta d-drittijiet tal-individwu kif garantiti mill-Karta, b'mod partikolari d-dritt għad-dinjità tal-bniedem u r-rispett għall-ħajja privata u tal-familja. Fir-rigward tal-omosesswalità b'mod speċifiku, il-valutazzjoni individwali tal-kredibbiltà tal-applikant jenħtieġ li ma tkunx ibbażata fuq kunċetti sterjotipati li jikkonċernaw lill-omosesswali u jenħtieġ li l-applikant ma jiġix sottomess għal interrogazzjoni dettaljata jew testijiet fir-rigward tal-prattiki sesswali tiegħu jew tagħha.

(30) Atti kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti huma stabbiliti fil-Preambolu u fl-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u huma, fost l-oħrajn, inkorporati fir-riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar miżuri li jiġġieldu kontra t-terroriżmu, li jiddikjaraw li "atti, metodi u prattiki tat-terroriżmu huma kuntrarji għall-għanijiet u prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti" u li "l-finanzjament, l-ippjanar u t-tqanqil ta' atti terroristiċi apposta huma wkoll kuntrarji għall-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti".

(31) It-twettiq ta' reat politiku mhuwiex fi prinċipju raġuni li tiġġustifika esklużjoni minn status ta' rifuġjat. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-

Unjoni Ewropea, azzjonijiet partikolarment krudili, fejn l-att inkwistjoni huwa sproporzjonat mal-allegat objettiv politiku, u atti terroristiċi li huma karatterizzati mill-vjolenza tagħhom lejn popolazzjonijiet ċivili, anke jekk imwettqa b'objettiv allegatament politiku, jenħtieġ li jitqiesu bħala reati mhux politiċi u għalhekk jistgħu joħolqu esklużjoni minn status ta' rifuġjat.

(32) Standards għad-definizzjoni u l-kontenut tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja jenħtieġ li jiġu stipulati wkoll. Il-protezzjoni sussidjarja jenħtieġ li tkun kumplimentari u addizzjonali għall-protezzjoni tar-rifuġjati minquxa fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

(33) Huwa meħtieġ li jiġu introdotti kriterji komuni li fuq il-bażi tagħhom applikanti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rikonoxxuti bħala eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jitfasslu mill-obbligi internazzjonali skont strumenti u prattiki tad-drittijiet tal-bniedem li jeżistu fl-Istati Membri.

(34) Bil-għan li jiġi valutat dannu serju li jista' jikkwalifika lill-applikanti bħala eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, il-kunċett ta' vjolenza mingħajr distinzjoni, f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li jinkludu vjolenza li tista' tiġi estiża għal persuni irrispettivament miċ-ċirkostanza personali tagħhom.

(35) F'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[35], bil-għan li jiġi valutat dannu serju, jenħtieġ li sitwazzjonijiet fejn forzi armati ta' pajjiż terz jikkonfrontaw grupp armat wieħed jew aktar, jew li fihom żewġ gruppi armati jew aktar jikkonfrontaw lil xulxin, jiġu kkunsidrati bħala konflitt armat intern. Mhuwiex meħtieġ li dak il-konflitt jiġi kategorizzat bħala "konflitt armat ta' natura mhux internazzjonali" skont il-liġi umanitarja; lanqas ma huwa meħtieġ li titwettaq, flimkien mal-valutazzjoni tal-livell tal-vjolenza preżenti fit-territorju kkonċernat, valutazzjoni separata tal-intensità tal-konfrontazzjonijiet armati, il-livell tal-organizzazzjoni tal-forzi armati involuti jew it-tul ta' żmien tal-konflitt.

(36) Fir-rigward tal-prova meħtieġa relatata mal-eżistenza ta' theddida serja u individwali għall-ħajja jew il-persuna ta' applikant, f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[36], awtoritajiet determinanti m'għandhomx jitolbu lill-applikant iressaq evidenza li huwa speċifikament effettwat speċifiku minħabba fatturi partikolari għaċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Madankollu, il-livell ta' vjolenza mingħajr distinzjoni meħtieġa biex tiġi sostanzjata l-applikazzjoni huwa aktar baxx jekk l-applikant ikun jista' juri li huwa affettwat speċifikament minħabba fatturi partikolari għaċ-ċirkostanza personali tiegħu. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' theddida serja u individwali jenħtieġ li tiġi stabbilita b'mod eċċezzjonali mill-awtoritajiet determinanti minħabba biss il-preżenza tal-applikant fuq it-territorju jew f'parti mit-territorju rilevanti tal-pajjiż ta' oriġini sakemm il-grad ta' vjolenza mingħajr distinzjoni li jikkaratterizza l-konflitt armat li qed iseħħ jilħaq livell tant għoli li jkun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li persuna ċivili, ritornata lejn il-pajjiż ta' oriġini jew il-parti rilevanti tal-pajjiż ta' oriġini, minħabba biss il-preżenza tagħha fit-territorju ta' dak il-pajjiż jew reġjun, tiffaċċja riskju reali li tkun soġġetta għat-theddida serja.

[35] [35]C-285/12.
[36] C-465/07.

(37) Il-permess ta' residenza u d-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa lil benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għall-ewwel darba jew li jiġġedded wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonforma mar-regoli stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 rispettivament.

(38) Membri tal-familja, minħabba r-relazzjoni mill-qrib tagħhom mar-rifuġjat, normalment ikunu vulnerabbli għal atti ta' persekuzzjoni f'manjiera li tista' tkun il-bażi ta' protezzjoni internazzjonali. Sakemm ma jikkwalifikawx għal protezzjoni internazzjonali, bil-għan li tinżamm l-unità tal-familja, għandhom ikunu intitolati li jitolbu permess ta' residenza u l-istess drittijiet mogħtija lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet relatati maż-żamma tal-unità tal-familja f'dan ir-Regolament, fejn is-sitwazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja u l-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjoni stabbiliti fiha huma sodisfatti, il-membri tal-familja tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li ma jikkwalifikawx individwalment għal din il-protezzjoni għandhom jingħataw permessi ta' residenza u drittijiet f'konformità ma' dik id-Direttiva. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/38/KE.

(39) Bil-għan li jiġi aċċertat jekk benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għadhomx fil-bżonn ta' dik il-protezzjoni, awtoritajiet determinanti jenħtieġ li jeżaminaw mill-ġdid l-istatus mogħti meta jiġi biex jiġġedded il-permess ta' residenza, għall-ewwel darba fil-każ ta' rifuġjati, u għall-ewwel u t-tieni darba fil-każ ta' benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja, kif ukoll meta tibdil rilevanti sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini tal-benefiċjarji jseħħ kif indikat minn analiżi komuni u gwida dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini provduti fil-livell tal-Unjoni mill-Aġenzija u n-netwerks Ewropej dwar l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament[37].

(40) Fil-valutazzjoni ta' bidla fiċ-ċirkostanzi fil-pajjiż terz ikkonċernat, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jivverifikaw, wara li jikkunsidraw is-sitwazzjoni individwali tar-rifuġjat, li l-attur jew l-atturi ta' protezzjoni f'dak il-pajjiż ikunu ħadu passi raġonevoli biex jipprevjenu l-persekuzzjoni, li għalhekk jistgħu joperaw, fost l-oħrajn, sistema legali effettiva għall-kxif, il-prosekuzzjoni u l-kastig ta' atti li jikkostitwixxu l-persekuzzjoni u li ċ-ċittadin ikkonċernat ikollu aċċess għal din il-protezzjoni jekk l-istatus ta' rifuġjat ma jibqax jeżisti.

(41) Meta l-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ma jibqgħux jeżistu, l-applikazzjoni tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-awtorità determinanti ta' Stat Membru tirrevoka, ittemm jew ma ġġeddidx l-istatus jenħtieġ li tiġi diferita għal perjodu raġonevoli ta' żmien wara l-adozzjoni, sabiex iċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat ikkonċernata jingħataw il-possibbiltà li japplikaw għal residenza abbażi ta' raġunijiet oħra għajr dawk li ġġustifikaw l-għoti tal-protezzjoni internazzjonali, bħal raġunijiet ta' familja, jew raġunijiet relatati mal-impjieg jew mal-edukazzjoni, f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali.

(42) Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jirrisjedu fl-Istat Membru li jkun tahom il-protezzjoni. Dawk il-benefiċjarji li huma fil-pussess ta' dokument tal-

37 COM(2016)271 final.

ivvjaġġar validu u permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru li japplika l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ, jenħtieġ li jitħallew jidħlu u jiċċaqalqu b'mod liberu fit-territorju tal-Istati Membri li japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ, għal perjodu ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum f'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[38] u mal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen[39]. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jistgħu japplikaw bl-istess mod biex jirrisjedu fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li ta l-protezzjoni, f'konformità mar-regoli rilevanti tal-UE, b'mod partikolari fuq il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin[40] u regoli nazzjonali; madankollu, dan ma jimplikax kwalunkwe trasferiment tal-protezzjoni internazzjonali u drittijiet relatati.

(43) Sabiex jiġu evitati movimenti sekondarji fi ħdan l-Unjoni Ewropea, benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, jekk jinstabu fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li jkun tahom il-protezzjoni mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' permanenza jew residenza, jenħtieġ li jittieħdu lura mill-Istat Membru responsabbli f'konformità mal-proċedura stabbilita mir-Regolament[41]

(44) Sabiex jiġu skoraġġiti movimenti sekondarji fi ħdan l-Unjoni Ewropea, id-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul 2003/109/KE jenħtieġ li tiġi emendata biex tipprevedi li l-perjodu ta' ħames (5) snin wara liema l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jkunu eliġibbli għall-istatus ta' Resident fit-Tul jenħtieġ li jerġa' jinbeda kull darba li l-persuna tinstab fi Stat Membru ieħor għajr dak li jkun ta l-protezzjoni internazzjonali, mingħajr id-dritt ta' permanenza jew residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

(45) Il-kunċett ta' sigurtà nazzjonali u ordni pubbliku jkopri wkoll każijiet li fihom ċittadin ta' pajjiż terz jappartjeni għal assoċjazzjoni li tappoġġja terroriżmu internazzjonali jew tappoġġja din l-assoċjazzjoni.

(46) Meta jiddeċiedu dwar il-jedd għall-benefiċċji inklużi f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw b'mod dovut l-aħjar interessi tat-tfal, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tad-dipendenza fuq il-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali ta' qraba viċini li diġà huma preżenti fl-Istat Membru u li mhumiex membri tal-familja ta' dak il-benefiċjarju. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn il-qarib strett tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni miżżewweġ iżda mhux akkumpanjat mill-konjuġi tiegħu, l-aħjar interessi tal-minorenni jistgħu jitqiesu bħala dawk tal-familja oriġinali tiegħu.

(47) Fil-limiti stabbiliti minn obbligi internazzjonali, l-għoti ta' benefiċċji rigward aċċess għall-impjiegi u sigurtà soċjali jeħtieġ il-ħruġ minn qabel ta' permess ta' residenza.

(48) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jillimitaw l-aċċess għal attivitajiet ta' xogħol bħala impjegati jew xogħol għal rashom fir-rigward ta' karigi li jinvolvu l-eżerċizzju ta'

---

38 Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera.
39 Il-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom.
40 COM (2016) 378 final.
41 (UE) Nru [xxx/xxxx Ir-Regolament ta' Dublin il-Ġdid].

awtorità pubblika, u responsabbiltà għas-salvagwardja tal-interess ġenerali tal-Istat jew awtoritajiet pubbliċi oħra Fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt għat-trattament ugwali tagħhom fir-rigward tas-sħubija ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta ħaddiema jew li hija involuta f'okkupazzjoni speċifika, benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali tistgħu jiġu esklużi bl-istess mod milli jipparteċipaw fil-ġestjoni ta' korpi rregolati mil-liġi pubblika u milli jkollhom kariga rregolata mil-liġi pubblika.

(49) Sabiex jissaħħaħ l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet u l-benefiċċji stabbiliti f'dan ir-Regolament mill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, huwa meħtieġ li jitqiesu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom u l-isfidi ta' integrazzjoni partikolari li se jiffaċċjaw, u li jiġi faċilitat l-aċċess tagħhom għal drittijiet relatati ta' integrazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-opportunitajiet edukattivi relatati mal-impjieg u taħriġ vokazzjonali u aċċess għal proċeduri ta' rikonoxximent għal diplomi u ċertifikati barranin u evidenza oħra ta' kwalifiki formali minħabba b'mod partikolari n-nuqqas ta' evidenza dokumentarja u l-inabbiltà tagħhom li jlaħħqu mal-ispejjeż relatati mal-proċeduri ta' rikonoxximent.

(50) Jenħtieġ li jiġi provdut trattament ugwali għal benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fejn ċittadini tal-Istat Membru jingħataw protezzjoni fir-rigward tas-sigurtà soċjali.

(51) Barra minn hekk, b'mod speċjali biex tiġi evitata t-tbatija soċjali, huwa xieraq li l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jiġu provduti b'assistenza soċjali mingħajr diskriminazzjoni. Madankollu, fir-rigward tal-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw xi flessibbiltà biex dawk id-drittijiet jiġu llimitati għal benefiċċji bażiċi, li għandu jinftiehem li jkopru mill-inqas is-sostenn ta' dħul minimu, għajnuna fil-każ ta' mard, jew tqala, u assistenza lill-ġenituri, sa fejn dawk il-benefiċċji jingħataw liċ-ċittadini skont il-liġi nazzjonali. Sabiex tiġi faċilitata l-integrazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jipprovdu l-aċċess għal ċerti tipi ta' assistenzi soċjali speċifikati fil-liġi nazzjonali, kemm għar-rifuġjati kif ukoll għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja, bil-kundizzjoni tal-parteċipazzjoni effettiva tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali f'miżuri ta' integrazzjoni.

(52) Aċċess għall-kura tas-saħħa, inklużi l-kura tas-saħħa fiżika u mentali, jenħtieġ li jiġu żgurati lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

(53) Sabiex tiġi faċilitata l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà, benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jkollhom aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni, fejn dawn il-modalitajiet jiġu stabbiliti mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-parteċipazzjoni f'dawn il-miżuri ta' integrazzjoni, bħal korsijiet lingwistiċi, korsijiet ta' integrazzjoni ċivika, taħriġ vokazzjonali u korsijiet oħra relatati mal-impjieg obbligatorja.

(54) Il-monitoraġġ effettiv ta' dan ir-Regolament jitlob illi huwa jiġi evalwat f'intervalli regolari.

(55) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-forma u l-kontenut tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE)

Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[42].

(56) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi standards għall-għotja ta' protezzjoni internazzjonali lil ċittadini ta' pajjiż terz u persuni mingħajr stat mill-Istati Membri, għal status uniformi għar-rifuġjati u għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentament mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(57) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawn l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]

JEW

*[F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għal Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbuta bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.]*

JEW

*[(XX) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.*

*(XX) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat (, permezz tal-ittra ta' ...,) ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]*

JEW

*[(XX) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit*

---

[42] [42]ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

*innotifika (, permezz tal-ittra ta' ...,) x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

*(XX) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]*

(58) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-TUE u għat-TFUE, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih u lanqas soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*
***Is-suġġett***

Dan ir-Regolament jistabbilixxi standards għal:

(a) il-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali;

(b) status uniformi għal rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;

(c) il-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali mogħtija.

*Artikolu 2*
***Definizzjonijiet***

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "protezzjoni internazzjonali" tfisser status ta' rifuġjat u status ta' protezzjoni sussidjarja kif definiti fil-punti (4) u (6);

(2) "benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser persuna li ngħatat status ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja kif definit fil-punti (4) u (6);

(3) "rifuġjat" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' ġustifikata li jiġi ppersegwitat għar-raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija ta' grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma jistax, jew minħabba din il-biża', ma jixtieqx japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħda barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma tistax jew, minħabba din il-biża', ma tixtieqx tirritorna lejh, u li l-Artikolu 12 ma japplikax għaliha;

(4) "status ta' rifuġjat" tfisser ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat bħala rifuġjat;

(5) "persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li ma tikkwalifikax bħala rifuġjat imma rigward min intwerew raġunijiet sostanzjali sabiex jitwemmen li l-persuna interessata, jekk tirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha, jew fil-każ ta' persuna mingħajr stat, lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tagħha, tiffaċċja riskju reali li ssofri dannu serju kif definit fl-Artikolu 16, u li għaliha l-Artikolu 18(1) u (2) ma japplikax, u ma tistax, jew, minħabba f'dan ir-riskju, ma tixtieqx tapprofitta ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż;

(6) “status ta’ protezzjoni sussidjarja” tfisser ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna mingħajr stat bħala persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;

(7) “applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali” tfisser talba magħmula minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għal protezzjoni minn Stat Membru, li tista’ tinftiehem li qed tfittex status ta’ rifuġjat jew status ta’ protezzjoni sussidjarja

(8) “applikant” tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha tkun għadha ma tteħditx deċiżjoni finali;

(9) “membri tal-familja” tfisser, sa fejn il-familja tkun diġà eżistiet qabel ma l-applikant ikun wasal fit-territorju tal-Istati Membri, il-membri tal-familja tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali li ġejjin li huma preżenti fl-istess Stat Membru fir-rigward tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:

(a) il-konjuġi tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali jew is-sieħeb/sieħba tiegħu f’relazzjoni stabbli, fejn il-liġi jew il-prattiki tal-Istat Membru interessat tittratta koppji mhux miżżewġa b’mod paragunabbli għal koppji miżżewġa skont il-liġi li tirrigwarda ċittadini ta’ pajjiż terz;

(b) it-tfal minorenni tal-koppji msemmija fil-punt (a) jew tal-benefiċjarju ta’ protezzjoni internazzjonali, fuq kundizzjoni li mhumiex miżżewġin u indipendentement mill-fatt jekk twildux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit skont liġi nazzjonali;

(c) il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-benefiċjarju ta’ protezzjoni internazzjonali sew jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, meta dak il-benefiċjarju hu minorenni jew mhux miżżewweġ;

(10) “minorenni” tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna mingħajr stat taħt l-età ta’ 18-il sena;

(11) “minorenni mhux akkumpanjat” tfisser minorenni li jasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjat minn adult responsabbli għalih/għaliha kemm jekk bil-liġi jew bi prattika tal-Istat Membru kkonċernat u għaż-żmien sakemm ma jittiħdux effettivament fir-responsabbiltà ta’ persuna tali; din tinkludi persuna minorenni li titħalla mhux akkumpanjata wara li tkun daħlet fit-territorju tal-Istati Membri;

(12) “permess ta’ residenza” tfisser kull permess jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta’ Stat Membru, fil-forma provduta skont ir-Regolament (KE) Nru 1030/2002[43], li tippermetti ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li tgħix fit-territorju tiegħu;

(13) “pajjiż ta’ oriġini” tfisser il-pajjiż jew pajjiżi ta’ nazzjonalità jew, għal persuni mingħajr stat, ta’ residenza abitwali ta’ qabel;

---

[43] ĠU L157, 15.6.2002, p.1.

(14) "irtirar ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser id-deċiżjoni minn awtorità kompetenti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja;

(15) "applikazzjoni sussegwenti" tfisser applikazzjoni oħra għall-protezzjoni internazzjonali li ssir fi kwalunkwe Stat Membru wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali dwar applikazzjoni preċedenti, inkluż fejn l-applikant ikun irtira b'mod espliċitu l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha jew fejn l-awtorità determinanti tkun ċaħdet applikazzjoni bħala abbandunata wara l-irtirar impliċitu tagħha;

(16) "awtorità determinanti" tfisser kwalunkwe korp kważi-ġudizzjarju jew amministrattiv fi Stat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u kompetenti sabiex jieħu deċiżjonijiet fl-ewwel istanza f'tali każijiet;

(17) "sigurtà soċjali" tfisser fergħat ta' sigurtà soċjali kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44] li jkopru benefiċċji ta' mard; benefiċċji ta' maternità u benefiċċji ekwivalenti ta' paternità; benefiċċji tal-invalidità; benefiċċji tax-xjuħija; benefiċċji tas-superstiti; benefiċċji marbutin ma' aċċidenti fuq ix-xogħol u ma' mard okkupazzjonali; għotjiet marbutin ma' mewt; benefiċċji tal-qgħad, benefiċċji għall-qabel l-irtirar u benefiċċji tal-familja;

(18) "assistenza soċjali" tfisser benefiċċji mogħtija flimkien ma' jew lil hinn minn benefiċċji tas-sigurtà soċjali kif definit fil-punt (16), bl-objettivi tal-iżgurar li jiġu sodisfatti l-bżonnijiet bażiċi ta' dawk li ma jkollhomx riżorsi biżżejjed;

(19) "gwardjan" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lill-minorenni mhux akkumpanjat fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu żgurati l-aħjar interessi tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ.

*Artikolu 3*

***Kamp ta' applikazzjoni materjali***

1. Dan ir-Regolament japplika għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali u għall-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali mogħtija.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal status umanitarju ieħor maħruġ mill-Istati Membri skont il-liġi nazzjonali tagħhom għal dawk li ma jikkwalifikawx għal status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja. Dawn l-istati, jekk jinħarġu, għandhom jinħarġu b'tali mod li ma jinvolvux riskju ta' konfużjoni ma' protezzjoni internazzjonali.

44 Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali *(ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).*

# KAPITOLU II

# VALUTAZZJONI TA' APPLIKAZZJONIJIET GĦAL PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI

*Artikolu 4*
***Preżentazzjoni ta' informazzjoni u valutazzjoni ta' fatti u ċirkostanzi***

1. L-applikant għandu jippreżenta l-elementi kollha disponibbli lilu li jissostanzjaw l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Għandu jikkoopera mal-awtorità determinanti u għandu jibqa' preżenti u disponibbli matul il-proċedura.

2. L-elementi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonsistu mid-dikjarazzjonijiet tal-applikant u d-dokumentazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tal-applikant rigward l-età tal-applikant, l-isfond, inkluż dak ta' qraba rilevanti, l-identità, in-nazzjonalità(nazzjonalitajiet), il-pajjiż(i) u l-post(ijiet) ta' residenza ta' qabel, l-applikazzjonijiet preċedenti [għal protezzjoni internazzjonali u r-riżultati ta' kwalunkwe proċedura ta' risistemazzjoni mħaffa kif definita mir-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-Regolament dwar ir-risistemazzjoni]], ir-rotot tal-ivvjaġġar, id-dokumenti tal-ivvjaġġar u r-raġunijiet għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

3. L-awtorità determinanti għandha tivvaluta l-elementi rilevanti tal-applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE)XXX/XXX [Ir-Regolament dwar il-proċeduri.]

4. Il-fatt li applikant diġà kien suġġett għal persekuzzjoni jew dannu serju, jew għal theddid dirett għal din il-persekuzzjoni jew dan id-dannu, għandu jitqies bħala indikazzjoni serja tal-biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni jew ir-riskju reali li jsofri dannu serju, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajbin biex jitqies li din il-persekuzzjoni jew dan id-dannu serju ma jiġix ripetut.

5. Fejn aspetti tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant mhumiex appoġġati minn evidenza dokumentarja jew xi evidenza oħra, l-ebda evidenza addizzjonali m'għandha tkun meħtieġa fir-rigward ta' dawk l-aspetti fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-applikant ikun għamel sforz ġenwin sabiex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha;

   (b) l-elementi rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tal-applikant ikunu ġew ippreżentati, u spjegazzjoni sodisfaċenti li tirrigwarda nuqqas ta' elementi rilevanti oħra tkun ingħatat;

   (c) id-dikjarazzjonijiet tal-applikant jinstabu li huma koerenti u plawżibbli u ma jmorrux kontra informazzjoni speċifika u ġenerali disponibbli li tkun rilevanti għall-każ tal-applikant;

(d) l-applikant ikun applika għal protezzjoni internazzjonali fil-ħin l-aktar kmieni possibbli, sakemm l-applikant ma jkunx jista' jagħti raġuni tajba għaliex ma jkunx għamel dan;

(e) il-kredibbiltà ġenerali tal-applikant tkun ġiet stabbilita.

*Artikolu 5*

***Bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali li jinħolqu sur place***

1. Biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni jew riskju reali li l-persuna ssofri dannu serju jistgħu jiġu bbażati fuq każijiet li jkunu seħħew mindu l-applikant ikun telaq mill-pajjiż ta' oriġini.

2. Biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni jew riskju reali li l-persuna ssofri dannu serju jistgħu jiġu bbażati fuq attivitajiet li l-applikant ikun wettaq minn meta telaq mill-pajjiż ta' oriġini, partikolarment fejn jiġi stabbilit li l-attivitajiet fuq liema jkun straħ jikkostitwixxu l-espressjoni u l-kontinwità ta' konvinzjonijiet jew orjentazzjonijiet miżmuma fil-pajjiż ta' oriġini.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikant li jiddepożita applikazzjoni sussegwenti skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE)XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri] normalment m'għandux jingħata status ta' rifuġjat jekk ir-riskju ta' persekuzzjoni jew id-dannu serju jkun ibbażat fuq ċirkostanzi li l-applikant ikun ħoloq bid-deċiżjoni tiegħu stess minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' oriġini.

*Artikolu 6*

***Atturi ta' persekuzzjoni jew dannu serju***

Atturi ta' persekuzzjoni jew dannu serju jistgħu jkunu biss:

(a) l-Istat;

(b) partijiet jew organizzazzjonijiet li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali tat-territorju tal-Istat;

(c) atturi mhux tal-Istat, jekk ikun jista' jiġi muri li l-atturi msemmija fil-punti (a) u (b), inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, ma jistgħux jew ma jixtiqux jipprovdu protezzjoni minn persekuzzjoni jew dannu serju kif imsemmi fl-Artikolu 7.

*Artikolu 7*

***Atturi ta' protezzjoni***

1. Protezzjoni minn persekuzzjoni jew dannu serju tista' tiġi pprovduta biss minn dawn l-atturi li ġejjin:

(a) l-Istat;

(b) partijiet jew organizzazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali tat-territorju tal-Istat

sakemm dawn iridu u jistgħu joffru protezzjoni skont il-paragrafu 2.

2. Protezzjoni minn persekuzzjoni jew dannu serju għandha tkun effettiva u ta' natura mhux temporanja. Dik il-protezzjoni għandha titqies li tkun ġiet ipprovduta meta l-atturi msemmija fil-paragrafu 1 jieħdu passi raġonevoli sabiex jipprevjenu l-persekuzzjoni jew il-konsegwenzi ta' dannu serju, fost l-oħrajn, billi joperaw sistema legali effettiva għall-kxif, il-prosekuzzjoni u l-kastig ta' atti li jikkostitwixxu persekuzzjoni jew dannu serju, u meta l-applikant ikollu aċċess għal dik il-protezzjoni.

3. Meta jiġi valutat jekk organizzazzjoni internazzjonali tikkontrollax Stat jew parti sostanzjali tat-territorju tiegħu u tipprovdix protezzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet determinanti għandhom iqisu kull gwida pprovduta fil-liġi rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini disponibbli fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil ].

### *Artikolu 8*
### ***Protezzjoni interna***

1. Bħala parti mill-valutazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-awtorità determinanti għandha tiddetermina li applikant mhuwiex fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jekk ikun jista' jivvjaġġa b'mod sikur u legali lejn parti mill-pajjiż ta' oriġini u jkun jista' jikseb dħul għalih u jkun mistenni b'mod raġonevoli li jissetilja fih u jekk f'dik il-parti mill-pajjiż, hu:

   (a) ma jkollux biża' ġustifikata li jiġi ppersegwitat, jew mhuwiex fir-riskju reali li jsofri dannu serju; jew

   (b) għandu aċċess għall-protezzjoni minn persekuzzjoni jew dannu serju.

2. Il-valutazzjoni tad-disponibbiltà tal-protezzjoni interna għandha titwettaq ladarba jkun ġie stabbilit mill-awtorità determinanti li altrimenti japplikaw il-kriterji dwar il-kwalifika. L-oneru tal-prova tad-disponibbiltà tal-protezzjoni interna għandu jaqa' fuq l-awtorità determinanti. L-applikant m'għandux ikun meħtieġ jipprova li, qabel ma jfittex il-protezzjoni internazzjonali, ikun eżawrixxa l-possibbiltajiet kollha biex tinkiseb protezzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha.

3. Fl-eżami ta' jekk applikant għandux biża' ġustifikata li jkun ippersegwitat jew huwiex f'riskju reali li jsofri dannu serju, jew għandux aċċess għall-protezzjoni minn persekuzzjoni jew dannu serju f'parti mill-pajjiż ta' oriġini f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet determinanti għandhom, fil-mument tat-teħid tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, iqisu ċ-ċirkostanzi ġenerali fis-seħħ f'dik il-parti tal-pajjiż u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant skont l-Artikolu 4. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet determinanti għandhom jiżguraw li informazzjoni preċiża u aġġornata tinkiseb mis-sorsi rilevanti kollha, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini disponibbli fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] kif ukoll informazzjoni u gwida maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati.

4. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi ġenerali prevalenti f'dik il-parti tal-pajjiż li hija s-sors tal-protezzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 7, għandhom jitqiesu l-aċċessibbiltà, l-effikaċja u d-durabilità ta' dik il-protezzjoni. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, għandhom jitqiesu b'mod partikolari s-saħħa, l-età, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u l-istatus soċjali flimkien ma' valutazzjoni ta' jekk l-għajxien fil-parti tal-pajjiż ta' oriġini meqjus bħala sikur jimponix tbatija mhux dovuta fuq l-applikant.

# KAPITOLU III

# KWALIFIKA BIEX WIEĦED IKUN RIFUĠJAT

*Artikolu 9*
***Atti ta' persekuzzjoni***

1. Att għandu jitqies bħala att ta' persekuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni relatata mal-Istatus tar-Rifuġjati magħmula f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju 1951, kif emendata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Konvenzjoni ta' Ġinevra), fejn:

   (a) ikun serju biżżejjed fin-natura jew ir-ripetizzjoni tiegħu li jikkostitwixxi vjolazzjoni serja ta' drittijiet bażiċi tal-bniedem, partikolarment id-drittijiet li ma tistax issir deroga minnhom skont l-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; jew

   (b) ikun akkumulazzjoni ta' diversi miżuri, inklużi vjolazzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem li huwa serju biżżejjed li jaffettwa individwu f'manjiera simili kif imsemmi fil-punt (a).

2. Atti ta' persekuzzjoni kif kwalifikati fil-paragrafu 1 jistgħu, fost ħwejjeġ oħra, jieħdu l-forma ta':

   (a) atti ta' vjolenza fiżika jew mentali, inkluż atti ta' vjolenza sesswali;

   (b) miżuri legali, amministrattivi, miżuri mill-pulizija u/jew miżuri ġudizzjarji li huma fihom infushom diskriminatorji jew li huma implimentati f'manjiera diskriminatorja;

   (c) prosekuzzjoni jew kastig li huwa sproporzjonat jew diskriminatorju;

   (d) ċaħda ta' rimedju ġudizzjarju li tirriżulta f'kastig sproporzjonat jew diskriminatorju;

   (e) prosekuzzjoni jew kastig għar-rifjut li wieħed iwettaq servizz militari f'konflitt, fejn it-twettiq ta' servizz militari jkun jinkludi delitti jew atti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-raġunijiet għall-esklużjonijiet kif dikjarat fl-Artikolu 12(2);

   (f) atti ta' natura speċifika għas-sess jew għat-tfal.

3. F'konformità mal-punt (3) tal-Artikolu 2, irid ikun hemm konnessjoni bejn ir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 10 u l-atti ta' persekuzzjoni kif kwalifikat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew l-assenza ta' protezzjoni minn atti bħal dawn.

*Artikolu 10*
***Raġunijiet għal persekuzzjoni***

1. L-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tar-raġunijiet għal persekuzzjoni:

(a) il-kunċett ta' razza għandu partikolarment jinkludi kunsiderazzjonijiet ta' kulur, dixxendenza jew sħubija ta' grupp etniku partikolari;

(b) il-kunċett ta' reliġjon għandu partikolarment jinkludi t-twemmin teistiku, nonteistiku, u ateistiku, il-parteċipazzjoni fi, jew l-astensjoni minn, qima formali fil-privat jew fil-pubbliku, jew b'mod individwali jew f'komunità ma' oħrajn, atti oħra reliġjużi jew espressjonijiet ta' opinjoni, jew forom ta' kondotta personali jew kommunali bbażati fuq jew magħmula obbligatorji minn xi twemmin reliġjuż;

(c) il-kunċett ta' nazzjonalità m'għandux jiġi ristrett għal ċittadinanza jew nuqqas tagħha, imma għandu partikolarment, jinkludi sħubija ta' grupp stabbilit mill-identità kulturali, etnika, jew lingwistika tiegħu, oriġini ġeografika jew politika jew ir-relazzjoni tiegħu mal-popolazzjoni ta' Stat ieħor;

(d) il-kunċett ta' grupp soċjali partikolari għandu jinkludi, partikolarment, grupp fejn:

– membri jaqsmu karatteristika innata, jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih, u

– li grupp għandu identità distinta fil-pajjiż rilevanti, minħabba li jitqies bħala differenti mis-soċjetà ta' madwaru;

skont iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' oriġini, il-kunċett jista' jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristika komuni ta' orjentazzjoni sesswali (terminu li jista' jinftiehem li jinkludi atti kkunsidrati bħala kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri); aspetti relatati mas-sess, inkluża l-identità sesswali, għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom sabiex tiġi determinata sħubija fi grupp soċjali partikolari jew identifikata karatteristika ta' grupp bħal dan;

(e) il-kunċett ta' opinjoni politika għandu, partikolarment, jinkludi ż-żamma ta' opinjoni, ħsieb jew twemmin dwar kwistjoni relatata mal-atturi potenzjali ta' persekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 6 u għall-politika jew il-metodi tagħhom, kemm jekk dik l-opinjoni, ħsieb jew twemmin ikun aġixxa fuqu l-applikant u kemm jekk le.

2. Fil-valutazzjoni ta' jekk applikant għandux biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni mhuwiex importanti jekk l-applikant fil-verità għandux il-karatteristika razzista, reliġjuża, nazzjonali, soċjali jew politika li tattira l-persekuzzjoni, sakemm din il-karatteristika tkun attribwita għall-applikant mill-attur ta' persekuzzjoni.

3. Fil-valutazzjoni jekk applikant għandux biża' ġustifikata li jiġi ppersegwitat, l-awtorità determinanti ma tistax tistenna raġonevolment lil applikant iġib ruħu b'mod

diskret jew jastjeni minn ċerti prattiki, fejn din l-imġiba jew dawn il-prattiki jkunu inerenti għall-identità tiegħu jew tagħha, biex jiġi evitat ir-riskju ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha**.**

*Artikolu 11*
***Waqfien***

1. Ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ma jibqax rifuġjat fejn japplikaw wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) persuna tkun għamlet użu mill-ġdid b'mod volontarju mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità;

(b) billi kienet tilfet in-nazzjonalità tagħha, il-persuna tkun akkwistatha mill-ġdid b'mod volontarju;

(c) il-persuna tkun akkwistat nazzjonalità ġdida, u tgawdi l-protezzjoni tal-pajjiż tan-nazzjonalità ġdida tagħha;

(d) il-persuna tkun stabbiliet lilha nnifisha mill-ġdid b'mod volontarju fil-pajjiż li hija tkun telqet minnu jew li baqgħet barra minnu minħabba biża' ta' persekuzzjoni;

(e) il-persuna ma tistax aktar, minħabba li ċ-ċirkostanzi li f'konnessjoni magħhom hija tkun ġiet magħrufa bħala rifuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, tkompli tirrifjuta milli tagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità;

(f) billi hija persuna mingħajr stat, il-persuna tista', minħabba li ċ-ċirkostanzi li bihom hija ġiet rikonoxxuta bħala rifuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, tirritorna lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.

Il-punti (e) u (f) m'għandhomx japplikaw għal rifuġjat li jista' jinvoka raġunijiet b'saħħithom li jinħolqu minn persekuzzjoni preċedenti talli rrifjuta li jagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, minħabba li kien persuna mingħajr stat, tal-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.

2. Meta japplikaw il-punti (e) u (f) tal-paragrafu 1, l-awtorità determinanti

(a) għandha tqis jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi hijiex ta' natura sinifikanti u mhux temporanja b'tali mod li l-biża' tar-rifuġjat minn persekuzzjoni ma tistax tibqa' titqies bħala ġustifikata;

(b) għandha tibbaża lilha nnifisha fuq informazzjoni preċiża u aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluża informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jew informazzjoni u gwida maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati.

*Artikolu 12*
***Esklużjoni***

1. Persuna li tkun ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi eskluża milli tkun rifuġjat jekk:

   (a) taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(D) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, li tirrigwarda l-protezzjoni jew l-għajnuna minn organi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti apparti l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati. Meta din il-protezzjoni jew għajnuna tkun waqfet għal xi raġuni, mingħajr ma l-pożizzjoni ta' dawn il-persuni tkun miftiehma definittivament f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, dawk il-persuni għandhom ipso facto jkunu intitolati għall-benefiċċji ta' dan ir-Regolament;

   (b) hija tkun rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li fih hija tkun ħadet ir-residenza tagħha bħala li għandha d-drittijiet u l-obbligi li huma marbuta mal-pussess tan-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż, jew drittijiet u obbligi ekwivalenti għalihom.

2. Persuna li tkun ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi eskluża milli tkun rifuġjat meta jkun hemm raġunijiet serji biex jitqies li:

   (a) hija tkun ikkommettiet delitt kontra l-paċi, delitt ta' gwerra, jew delitt kontra l-umanità, kif definit fl-istrumenti internazzjonali mfassla biex jagħmlu provvediment rigward dawn id-delitti;

   (b) hija tkun ikkommettiet delitt serju mhux politiku barra mill-pajjiż tar-rifuġju qabel l-ammissjoni tagħha bħala rifuġjat, jiġifieri qabel il-mument tal-ħruġ ta' permess ta' residenza fuq il-bażi tal-għoti ta' stat ta' rifuġjat; partikolarment azzjonijiet krudili, anke jekk kommessi b'għan allegatament politiku, jistgħu jiġu klassifikati bħala delitti serji mhux politiċi;

   (c) hija tkun instabet ħatja ta' atti kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti kif stabbilit fil-Preambolu u l-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika għal persuni li jinċitaw jew inkella jipparteċipaw fit-twettiq tad-delitti jew l-atti msemmija fih.

4. Meta jiġi kkunsidrat jekk il-protezzjoni skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 tkunx waqfet milli teżisti, l-awtorità determinanti għandha taċċerta jekk il-persuna kkonċernata ġietx sfurzata titlaq iż-żona tal-operazzjonijiet tal-organu jew l-aġenzija rilevanti. Dan għandu jkun il-każ fejn is-sigurtà personali ta' dik il-persuna kienet f'riskju serju u kien impossibbli li dak l-organu jew dik l-aġenzija jiggarantixxu li l-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħha jkunu proporzjonati għall-missjoni fdata li dak l-organu jew aġenzija.

5. Għall-finijiet tal-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2, l-atti li ġejjin għandhom jiġu klassifikati bħala atti serji mhux politiċi:

(a) azzjonijiet partikolarment krudili meta l-att inkwistjoni jkun sproporzjonat għall-allegat objettiv politiku,

(b) atti terroristiċi, li huma karatterizzati mill-vjolenza tagħhom lejn popolazzjonijiet ċivili, anke jekk jitwettqu b'objettiv allegatament politiku.

6. L-esklużjoni ta' persuna minn status ta' rifuġjat għandha tiddependi esklussivament fuq jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (1) sa (5) u m'għandhiex tkun soġġetta għal kwalunkwe valutazzjoni ta' proporzjonalità addizzjonali fir-rigward tal-każ partikolari.

# KAPITOLU IV

## STATUS TA' RIFUĠJAT

*Artikolu 13*
***L-għoti ta' status ta' rifuġjat***

L-awtorità determinanti għandha tagħti status ta' rifuġjat lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li tikkwalifika bħala rifuġjat skont il-Kapitoli II u III.

*Artikolu 14*
***Revoka ta', tmiem ta' jew rifjut għat-tiġdid ta' status ta' rifuġjat***

1. L-awtorità determinanti għandha tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' rifuġjat ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat meta:

(a) hija tkun waqfet milli tkun rifuġjat f'konformità mal-Artikolu 11;

(b) hija kellha tkun jew hija eskluża milli tkun rifuġjat f'konformità mal-Artikolu 12;

(c) il-preżentazzjoni qarrieqa ta' fatti jew l-ommissjoni tagħhom, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz, kienu deċiżivi għall-għoti tal-istat ta' rifuġjat;

(d) ikun hemm bażi raġonevoli sabiex il-persuna titqies bħala periklu għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti;

(e) il-persuna, wara li tkun instabet ħatja b'sentenza finali ta' delitt partikolarment serju, tikkostitwixxi periklu għall-komunità tal-Istat Membru li fih hija preżenti;

(f) L-Artikolu 23(2) jiġi applikat.

2. F'sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (d) sa (f) tal-paragrafu 1, l-awtorità determinanti tista' tiddeċiedi li ma tagħtix status lil rifuġjat, fejn din id-deċiżjoni tkun għadha ma tteħditx.

3. Persuni li għalihom japplikaw il-punti (d) sa (f) tal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandhom ikunu intitolati għal drittijiet stabbiliti jew simili għal dawk stabbiliti fl-Artikoli 3, 4, 16, 22, 31, 32 u 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra sa fejn huma preżenti fl-Istat Membru.

4. Mingħajr preġudizzju għad-dmir tar-rifuġjat skont l-Artikolu 4(1) li jiżvela l-fatti rilevanti kollha u jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu, l-awtorità determinanti, li tkun tat l-istatus ta' rifuġjat għandha, fuq bażi individwali, turi li l-persuna interessata tkun waqfet milli tkun jew qatt ma kienet rifuġjat għar-raġunijiet dikjarati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ tliet xhur biss wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

*Artikolu 15*

***Ir-rieżami ta' status ta' rifuġjat***

Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), l-awtorità determinanti għandha teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat, b'mod partikolari:

(a) fejn l-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] tindika bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant;

(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil rifuġjat.

# KAPITOLU V

## KWALIFIKA GĦALL-PROTEZZJONI SUSSIDJARJA

*Artikolu 16*
***Dannu serju***

Dannu serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(5), jikkonsisti:

(a) mill-piena kapitali jew l-eżekuzzjoni; jew

(b) mit-tortura jew it-trattament inuman jew degradanti jew il-kastig ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini; jew

(c) minn theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza mingħajr distinzjoni f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.

*Artikolu 17*
***Waqfien***

1. Ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tieqaf milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni sussidjarja jkunu waqfu milli jeżistu jew ikunu nbiddlu sat-tali punt li l-protezzjoni ma tkunx għadha meħtieġa.

2. L-awtorità determinanti:

   (a) għandha tqis jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi hijiex ta' natura sinifikanti u mhux temporanja b'tali mod li l-persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja m'għadhiex tiffaċċja riskju reali ta' dannu serju;

   (b) għandha tibbaża ruħha fuq informazzjoni preċiża u aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] kif ukoll informazzjoni u gwida maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal benefiċjarju ta' status ta' protezzjoni sussidjarja li jista' jinvoka raġunijiet konvinċenti li jirriżultaw minn dannu serju preċedenti talli rrifjuta li jagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, bħala persuna mingħajr stat, tal-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.

*Artikolu 18*
***Esklużjoni***

1. Ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta jkun hemm raġunijiet serji biex jitqies li:

   (a) hija tkun ikkommettiet delitt kontra l-paċi, delitt ta' gwerra, jew delitt kontra l-umanità, kif definit fl-istrumenti internazzjonali mfassla biex jagħmlu provvediment rigward dawn id-delitti;

   (b) hija tkun ikkommettiet delitt serju;

   (c) hija tkun instabet ħatja ta' atti kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti kif dikjarat fil-Preambolu u fl-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

   (d) hija tikkostitwixxi periklu għall-komunità jew għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti.

   (e) hija, qabel l-ammissjoni tagħha fl-Istat Membru kkonċernat, tkun ikkommettiet delitt wieħed jew aktar barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-punti (a), (b) u (c) li kienu jwasslu għal kastig ta' ħabs kieku ġew kommessi fl-Istat Membru kkonċernat, u jekk hija tkun telqet biss mill-pajjiż ta' oriġini tagħha sabiex tevita sanzjonijiet li jirriżultaw minn dawk id-delitti.

2. Il-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 japplikaw għal persuni li jinċitaw jew inkella jipparteċipaw fit-twettiq tad-delitti jew l-atti msemmija fih.

# KAPITOLU VI

## STATUS TA' PROTEZZJONI SUSSIDJARJA

*Artikolu 19*
***Għoti ta' status ta' protezzjoni sussidjarja***

L-awtorità determinanti għandha tagħti status ta' protezzjoni sussidjarja lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja f'konformità mal-Kapitoli II u V.

*Artikolu 20*
***Revoka ta', tmiem ta' jew rifjut għat-tiġdid ta' status ta' protezzjoni sussidjarja***

1. L-awtorità determinanti għandha tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, fejn:

(a) tkun waqfet milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja f'konformità mal-Artikolu 17;

(b) il-persuna, wara li tkun ingħatat status ta' protezzjoni sussidjarja, messha kienet jew hija eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja f'konformità mal-Artikolu 18;

(c) il-preżentazzjoni qarrieqa ta' fatti jew l-ommissjoni tagħhom, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz, kienu deċiżivi għall-għoti tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja;

(d) L-Artikolu 23(2) jiġi applikat.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dmir taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat skont l-Artikolu 4(1) li tiżvela l-fatti rilevanti kollha u li tipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tagħha, l-Istat Membru, li jkun ta l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja għandu, fuq bażi individwali, juri li l-persuna kkonċernata tkun waqfet milli tkun jew qatt ma kienet eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ tliet xhur biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

*Artikolu 21*

***Ir-rieżami ta' status ta' protezzjoni sussidjarja***

Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 20(1), l-awtorità determinanti għandha teżamina mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari:

(a) fejn l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil ] jindikaw bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant,

(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel u t-tieni darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja.

# KAPITOLU VII

## KONTENUT TA' DRITTIJIET TA' PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI U OBBLIGI TA' BENEFIĊJARJI TA' PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI

### TAQSIMA I
### *DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI*

*Artikolu 22*
***Regoli ġenerali***

1. Ir-rifuġjati u l-persuni li jkunu ngħataw l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu. Dan il-Kapitolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

2. Dan il-Kapitolu għandu japplika kemm għal rifuġjati kif ukoll għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja minbarra jekk ikun indikat mod ieħor.

3. Fi ħdan il-limiti stabbiliti mill-obbligi internazzjonali, l-għoti ta' benefiċċji fir-rigward tal-aċċess għall-impjiegi u s-sigurtà soċjali għandu jirrikjedi l-ħruġ minn qabel ta' permess ta' residenza.

4. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, għandha titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri li jrabbu waħedhom bi tfal minorenni, vittmi tat-traffikar tal-bniedem, persuni b'mard mentali u persuni li jkunu ġew soġġetti għal tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, sakemm evalwazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom tistabbilixxi li għandhom bżonnijiet speċjali.

5. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu li jinvolvu l-minorenni, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja għall-awtoritajiet rilevanti.

*Artikolu 23*
***Protezzjoni minn refoulement***

1. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħhom.

2. Fejn mhux ipprojbit mill-obbligi internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, rifuġjat jew benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja jista' jiġi ripatrijat, sewwa jekk rikonoxxut formalment u sewwa jekk le, meta:

(a) jkun hemm bażi raġonevoli sabiex jitqies bħala periklu għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih huwa preżenti;

(b) l-persuna, wara li tkun instabet ħatja b'sentenza finali ta' delitt partikolarment serju tikkostitwixxi periklu għall-komunità ta' dak l-Istat Membru.

F'dawk il-każijiet, l-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja għandu jiġu rtirat ukoll f'konformità mal-Artikolu 14 jew l-Artikolu 20 rispettivament.

*Artikolu 24*
***Informazzjoni***

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali b'informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi relatati mal-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, kemm jista' jkun malajr wara li jkun ingħata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata f'lingwa li l-benefiċjarju jista' jifhem jew suppost jifhem b'mod raġonevoli u għandha tagħmel referenzi espliċiti għall-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi deskritti fl-Artikolu 28 dwar il-moviment fi ħdan l-Unjoni.

Il-forma u l-kontenut ta' dik l-informazzjoni għandha tkun determinata mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE)XXX/XXX [Ir-Regolament dwar il-Proċeduri.].

*Artikolu 25*
***Iż-żamma tal-unità tal-familja***

1. Il-membri tal-familja tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali li ma jikkwalifikawx individwalment għal tali protezzjoni għandhom ikunu intitolati li jitolbu permess ta' residenza f'konformità mal-proċeduri nazzjonali u sa fejn dan huwa kompatibbli mal-istatus legali personali tal-membru tal-familja.

2. Permess ta' residenza maħruġ skont il-paragrafu 1 għandu jkollu t-tul tal-permess ta' residenza maħruġ lill-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali u għandu jkun jista' jiġġedded. Il-perjodu ta' validità tal-permess ta' residenza mogħti lill-membru tal-familja m'għandux, fi prinċipju, jestendi lil hinn mid-data tal-iskadenza tal-permess ta' residenza miżmum mill-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali.

3. L-ebda permess ta' residenza m'għandu jinħareġ għal membru tal-familja fejn dak il-membru tal-familja huwa jew jista' jiġi eskluż minn protezzjoni internazzjonali skont il-Kapitoli III u V.

4. Fejn raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubbliku jirrikjedu dan, permess ta' residenza m'għandux jinħareġ għal membru tal-familja u dawn il-permessi ta' residenza li jkunu diġà nħarġu għandhom jiġu rtirati u m'għandhomx jiġġeddu.

5. Membri tal-familja li jinħarġu permess ta' residenza skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu intitolati għad-drittijiet imsemmija fl-Artikoli 27 sa 39.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li dan l-Artikolu japplika wkoll għal qraba oħra stretti li kienu jgħixu flimkien bħala parti mill-familja fiż-żmien meta telqu mill-

pajjiż ta' oriġini jew qabel ma l-applikant wasal fit-territorju tal-Istati Membri, u li kienu dipendenti għalkollox jew prinċipalment fuq il-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali f'dak iż-żmien.

## TAQSIMA II
## *DRITTIJIET U OBBLIGI RELATATI MAR-RESIDENZA U L-PERMANENZA*

*Artikolu 26*
***Permessi ta' residenza***

1. Mhux aktar minn 30 jum wara li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali, għandu jinħareġ permess ta' residenza permezz tal-format uniformi kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002.

   (a) Għal benefiċjarji ta' status ta' rifuġjat, il-permess ta' residenza għandu jkollu perjodu ta' validità ta' tliet snin u għandu jkun jista' jiġġedded wara dan għal perjodi ta' tliet snin.

   (b) Għal benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja, il-permess ta' residenza għandu jkollha perjodu ta' validità ta' sena u għandu jkun jista' jiġġedded wara dan għal perjodi ta' sentejn.

2. Permess ta' residenza m'għandux jiġġedded jew għandu jiġi revokat fil-każijiet li ġejjin:

   (a) fejn awtoritajiet kompetenti jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus ta' rifuġjat ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 14 u l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja f'konformità mal-Artikolu 20;

   (b) fejn japplika l-Artikolu 23(2);

   (c) fejn ir-raġunijiet tas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku jeħtieġu hekk.

3. Meta jiġu applikati l-Artikolu 14(5) u 20(3), il-permess ta' residenza għandu jiġi revokat biss wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tliet xhur imsemmi f'dawk id-dispożizzjonijiet.

*Artikolu 27*
***Dokument tal-ivvjaġġar***

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu dokumenti tal-ivvjaġġar lil benefiċjarji ta' status ta' rifuġjat, fil-forma stabbilita fl-Iskeda għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra u bil-karatteristiċi minimi ta' sigurtà u l-bijometriċi deskritti fir-Regolament tal-Kunsill

(KE) Nru 2252/2004[45]. Dawn id-dokumenti tal-ivvjaġġar għandhom ikunu validi għal tal-inqas sena.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu dokumenti tal-ivvjaġġar bil-karatteristiċi minimi ta' sigurtà u l-bijometriċi deskritti fir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 lill-benefiċjarji tal-istatus tal-protezzjoni sussidjarja li ma jistgħux jiksbu passaport nazzjonali. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu validi għal tal-inqas sena.

3. Id-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jinħarġu fejn raġunijiet konvinċenti ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubbliku jitolbu dan.

*Artikolu 28*

***Libertà ta' moviment fi ħdan l-Istat Membru***

1. Benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu mil-libertà ta' moviment fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni internazzjonali, inkluż id-dritt li jagħżlu l-post ta' residenza tagħhom f'dak it-territorju, taħt l-istess kundizzjonijiet u restrizzjonijiet bħal dawk provduti għal ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment fit-territorji tagħhom li huma f'sitwazzjoni paragunabbli

2. Fi ħdan il-limiti stabbiliti minn obbligi internazzjonali, kundizzjonijiet ta' residenza jistgħu jiġu imposti fuq benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li jirċievi benefiċċji speċifiċi ta' sigurtà soċjali jew ta' assistenza soċjali biss fejn dawk il-kundizzjonijiet ta' residenza jkunu meħtieġa biex tiġi faċilitata l-integrazzjoni tal-benefiċjarju fl-Istat Membru li jkun ta dik il-protezzjoni.

*Artikolu 29*

***Moviment fi ħdan l-Unjoni***

1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali m'għandux ikollhom id-dritt li jgħixu fi Stati Membri oħra għajr dak li jkun ta l-protezzjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li japplikaw u jkunu ammessi biex jirrisjedu fi Stati Membri oħra skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali u d-dritt tagħhom li jiċċaqalqu b'mod liberu skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.
2. Meta benefiċjarju jinstab fi Stat Membru ieħor għajr dak li jkun tah il-protezzjoni mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, huwa jkun soġġett għal proċedura ta' teħid lura kif definit skont l-Artikolu 20(1)(e) tar-Regolament ta' Dublin (UE) Nru xxx/xxx.

---

[45] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1)

## Taqsima III
## Drittijiet relatati mal-integrazzjoni

*Artikolu 30*
***Aċċess għall-impjiegi***

1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom id-dritt li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' xogħol bħala impjegati jew xogħol għal rashom soġġett għar-regoli ġeneralment applikabbli għall-professjoni u għas-settur pubbliku, immedjatament wara li tkun ingħatat il-protezzjoni.

2. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali maċ-ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward ta':

   (a) kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-paga u tkeċċija, sigħat tax-xogħol, liv u vaganzi kif ukoll rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

   (b) libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni, u sħubija ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta ħaddiema jew impjegati ta' kwalunkwe organizzazzjoni li l-membri tagħhom huma involuti f'okkupazzjoni speċifika, inklużi l-benefiċċji mogħtija minn dawn l-organizzazzjonijiet;

   (c) opportunitajiet ta' edukazzjoni relatata mal-impjieg għal adulti, taħriġ vokazzjonali, inklużi korsijiet ta' taħriġ għall-aġġornament ta' ħiliet, esperjenza prattika fuq il-post tax-xogħol;

   (d) is-servizzi ta' parir offruti minn uffiċċji tal-impjiegi.

3. Awtoritajiet kompetenti, fejn meħtieġ, għandhom jiffaċilitaw l-aċċess sħiħ għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2(c) u (d).

*Artikolu 31*
***Aċċess għall-edukazzjoni***

1. Minorenni li jingħataw protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess sħiħ għas-sistema tal-edukazzjoni, taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni.

2. Adulti li jingħataw protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għas-sistema ġenerali tal-edukazzjoni, aktar taħriġ jew taħriġ mill-ġdid, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment f'dak l-Istat Membru li jkunu f'sitwazzjoni paragunabbli.

*Artikolu 32*
***Aċċess għal proċeduri għar-rikonoxximent ta' kwalifiki u għall-validazzjoni ta' ħiliet***

1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali bħal ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni fil-kuntest tal-proċeduri eżistenti ta'

rikonoxximent għal diplomi u ċertifikati barranin u evidenza oħra ta' kwalifiki formali.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffaċilitaw l-aċċess sħiħ għall-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 għal dawk il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li ma jistgħux jipprovdu evidenza dokumentarja tal-kwalifiki tagħhom mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 2(2) u 3(3) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46].

3. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tal-aċċess għal skemi xierqa għall-valutazzjoni, il-validazzjoni u l-akkreditazzjoni tat-tagħlim u l-esperjenza preċedenti tagħhom.

*Artikolu 33*

***Sigurtà soċjali***

Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tas-sigurtà soċjali.

*Artikolu 34*

***Assistenza soċjali***

1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tal-assistenza soċjali.

   Aċċess għal ċerta assistenza soċjali speċifikata fil-liġi nazzjonali jista' jingħata bil-kundizzjoni tal-parteċipazzjoni effettiva tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali f'miżuri ta' integrazzjoni.

2. Għal benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-assistenza soċjali għal benefiċċji bażiċi.

*Artikolu 35*

***Kura tas-saħħa***

1. Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa taħt l-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta din il-protezzjoni.

2. Benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li għandhom bżonnijiet speċjali, bħal nisa tqal, persuni b'diżabilità, persuni li jkunu għaddew minn tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali jew minorenni li kienu l-vittmi ta' kwalunkwe forma ta' abbuż, negliġenza, sfruttament, tortura, trattament krudili, inuman u degradanti jew li jkunu sofrew minn konflitt armat għandhom jiġu provduti

[46] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

b'kura tas-saħħa adegwata, inkluż it-trattament ta' mard mentali meta jkun meħtieġ, taħt l-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni.

*Artikolu 36*
***Minorenni mhux akkumpanjati***

1. Kemm jista' jkun malajr wara li tingħata protezzjoni internazzjonali u fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem tax-xogħol, kif deskritt fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u l-benesseri tal-minorenni, jew b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti.

   Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala kustodja, għandha kemm jista' jkun malajr taħtar persuna responsabbli għat-twettiq tad-dmirijiet tal-kustodja fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjat, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Il-gwardjan maħtur għandu jkollu d-dmir li jiżgura li l-minorenni jista' jkollu aċċess għad-drittijiet kollha li jirriżultaw minn dan ir-Regolament. L-awtoritajiet xierqa għandhom jivvalutaw b'mod regolari l-prestazzjoni tal-kustodja maħtur.

3. Minorenni mhux akkumpanjati għandhom jiġu sistemati f'wieħed mill-modi li ġejjin:

   (a) ma' qraba adulti;

   (b) ma' familja tar-rispett (foster);

   (c) f'ċentri speċjalizzati f'akkomodazzjoni għal minorenni;

   (d) f'akkomodazzjoni oħra adattata għall-minorenni.

   L-opinjonijiet tal-minorenni għandhom jitqiesu skont l-età u l-grad ta' maturità tagħhom.

4. Sa fejn ikun possibbli, aħwa għandhom jinżammu flimkien, filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni kkonċernat u, b'mod partikolari, l-età u l-grad ta' maturità tagħhom. Tibdil ta' residenza ta' minorenni mhux akkumpanjati għandu jinżamm limitat għall-minimu.

5. Jekk minorenni mhux akkumpanjat ikun ingħata protezzjoni internazzjonali u t-traċċar tal-membri tal-familja tiegħu ma jkunx għadu beda, l-Istati Membri għandhom jibdew jittraċċawhom kemm jista' jkun malajr wara l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jiġu protetti l-aħjar interessi tal-minorenni. Jekk it-traċċar ikun diġà beda, għandu jitkompla fejn ikun xieraq. F'każijiet fejn jista' jkun hemm theddida għall-ħajja jew l-integrità tal-minorenni jew il-qraba viċini tiegħu, partikolarment jekk ikunu baqgħu fil-pajjiż ta' oriġini, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-ġbir, l-ipproċessar u ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni rigward dawk il-persuni jsiru fuq bażi kunfidenzjali.

6. Il-persuni u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-minorenni mhux akkumpanjati għandhom jirċievu taħriġ xieraq kontinwu dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet tal-minorenni u l-istandards tas-salvagwardja tat-tfal għandhom jiġu rispettati kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri].

*Artikolu 37*

***Aċċess għall-akkomodazzjoni***

1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-akkomodazzjoni taħt kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fit-territorji tal-Istati Membri li huma f'sitwazzjoni paragunabbli.

2. Prattiki ta' tixrid nazzjonali ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom jitwettqu sal-punt possibbli mingħajr diskriminazzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u għandhom jiżguraw opportunitajiet ugwali fir-rigward tal-aċċess għall-akkomodazzjoni.

*Artikolu 38*

***Aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni***

1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà, il-benefiċjarji għandu jkollhom aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni provduti mill-Istati Membri, b'mod partikolari korsijiet tal-lingwa, programmi ta' orjentazzjoni ċivika u ta' integrazzjoni u taħriġ vokazzjonali li jqisu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' integrazzjoni obbligatorja.

*Artikolu 39*

***Ripatrijazzjoni***

Għandha tiġi pprovduta assistenza lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jixtiequ jirritornaw f'pajjiżhom.

# KAPITOLU VIII

## KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

*Artikolu 40*
***Kooperazzjoni***

Kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt nazzjonali u jikkomunika l-indirizz tiegħu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

L-Istati Membri għandhom, f'kuntatt mal-Kummissjoni, jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex tiġi stabbilita kooperazzjoni diretta u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 41*
***Persunal***

L-awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħra li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu rċevew jew għandhom jirċievu t-taħriġ meħtieġ u għandhom jiġu marbuta bil-prinċipju ta' kunfidenzjalità, kif definit fil-liġi nazzjonali, f'relazzjoni ma' kull informazzjoni li jiksbu matul ix-xogħol tagħhom.

# KAPITOLU IX

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 42*
***Il-Proċedura tal-Kumitat***

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat [stabbilit mill-Artikolu 58 ta' xxx tar-Regolament (UE)XXX/XXX [Ir-Regolament dwar il-Proċeduri]]. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

*Artikolu 43*
***Monitoraġġ u evalwazzjoni***

Sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha, fejn xieraq, tipproponi l-emendi neċessarji.

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha xierqa għall-preparazzjoni ta' dak ir-rapport, sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel jiskadi dak il-limitu ta' żmien.

*Artikolu 44*

***Emenda għad-Direttiva 2003/109/UE***

1. Fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/109/UE, jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:

"3a.Fejn benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jinstab fi Stat Membru, ieħor għajr dak li ta l-protezzjoni internazzjonali, mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, il-perjodu ta' permanenza legali li jippreċedi din is-sitwazzjoni m'għandux jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."

2. L-Artiklu 26a li ġej jiddaħħal:

"Artikolu 26a

Traspożizzjoni tal-Artikolu 4(3a)

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolament u id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 4(3a) ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih."

*Artikolu 45*
***Tħassir***

Id-Direttiva 2011/95/KE hija mħassra b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 46*
***Dħul fis-seħħ u applikabbiltà***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jibda japplika minn [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
*[...]*